ISSN 1977-074X

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 303

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

14 ta' Novembru 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Ittra ta' notifika b'emenda teknika mill-Unjoni Ewropea lill-Konfederazzjoni Svizzera, minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja, għall-Anness I tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jipprovdi miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KEE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar it-tassazzjoni ta' dħul mit-tfaddil taħt forma ta' ħlas ta' mgħaxijiet** 1

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1139/2013 tal-11 ta' Novembru 2013 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-pollakkju iswed fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Isvezja** 2

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1140/2013 tat-12 ta' Novembru 2013 li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Riz de Camargue (IĠP)]** 4

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2013 tat-12 ta' Novembru 2013 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Huile essentielle de lavande de Haute-Provence / Essence de lavande de Haute-Provence (DPO)]** 6

Prezz: EUR 4

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1142/2013 tat-12 ta' Novembru 2013 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Chaource (DPO)]** 8

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1143/2013 tat-13 ta' Novembru 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1031/2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità b'mod partikolari biex tiġi elenkata pjattaforma tal-irkant li għandha tiġi maħtura mill-Ġermanja** (1) 10

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1144/2013 tat-13 ta' Novembru 2013 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [Tepertős pogácsa (STG)]** 17

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1145/2013 tat-13 ta' Novembru 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 24

DEĊIŻJONIJIET

2013/652/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2013 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' reżistenza antimikrobika f'batterji żoonotiċi u kommensali** *(notifikata bid-dokument C(2013) 7145)* (1) 26

2013/653/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2013 fir-rigward ta' għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lejn pjan ta' kontroll koordinat għall-monitoraġġ tar-reżistenza antimikrobika fl-aġenti żoonotiċi fl-2014** *(notifikata bid-dokument C(2013) 7289)* 40

2013/654/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2008/294/KE biex jiġu inklużi teknoloġiji tal-aċċess u baned tal-frekwenza addizzjonali għas-servizzi tal-komunikazzjoni mobbli fuq l-inġenji tal-ajru (servizzi MCA)** *(notifikata bid-dokument C(2013) 7491)* (1) 48

2013/655/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2013 li taġġusta kull xahar bejn l-1 ta' Awwissu 2012 u l-1 ta' Ġunju 2013 il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għar-remunerazzjoniji tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti b'kuntratt tal-Unjoni Ewropea li jaħdmu f'pajjiżi terzi** 52

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

Ittra ta' notifika b'emenda teknika mill-Unjoni Ewropea lill-Konfederazzjoni Svizzera, minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja, għall-Anness I tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jipprovdi miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KEE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar it-tassazzjoni ta' dħul mit-tfaddil taħt forma ta' ħlas ta' mgħaxijiet

Sinjur,

Għandi l-unur nirriferi għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jipprovdi għal miżuri ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar it-tassazzjoni ta' dħul mit-tfaddil taħt forma ta' ħlas ta' mgħaxijiet.

Minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja, l-Anness I tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jipprovdi miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar it-tassazzjoni ta' dħul mit-tfaddil taħt forma ta' ħlas ta' mgħaxijiet jirrikjedi emenda teknika fil-forma stipulata fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 21(2), tal-Ftehim.

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 21(2) tal-Ftehim jistipula li l-lista tal-awtoritajiet kompetenti fl-Anness I tista' tiġi emendata sempliċiment permezz tan-notifika tal-Parti Kontraenti l-oħra mill-Isvizzera għall-awtorità msemmija f'(a) hemmhekk u mill-Komunità għall-awtoritajiet l-oħra.

B'hekk qed ngħarrfek f'isem l-Unjoni li l-awtorità kompetenti għall-Kroazja hi:

— fil-Kroazja: Ministar financija jew rappreżentant awtorizzat

u li din ir-referenza għandha tiżdied fl-Anness I tal-Ftehim taħt l-ittra (ac) wara l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-ittra (ab).

L-applikazzjoni tal-emenda teknika stipulata f'din in-Notifika għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.

Għoddni dejjem tiegħek,

Għall-Unjoni Ewropea,

Heinz ZOUREK

Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1139/2013

tal-11 ta' Novembru 2013

li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-pollakkju iswed fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Isvezja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u partikolarment l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 40/2013 tal-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2013.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi fl-istess Anness jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2013.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-Kwota

Il-kwota tas-sajd għall-2013 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, jiġi ttrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Lowri EVANS
Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 23, 25.01.2013, p. 54.

ANNESS

Nru	64/TQ40
Stat Membru	L-Isvezja
Stokk	POK/04-N.
Speċi	Pollakkju iswed (*Pollachius virens*)
Żona	L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N
Data	28.10.2013

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1140/2013

tat-12 ta' Novembru 2013

li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Riz de Camargue (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Franza għall-approvazzjoni tal-emendi fl-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Riz de Camargue" irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2000 ([2]).

(2) Peress li l-emendi inkwistjoni mhumiex minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għall-emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]) kif meħtieġ bl-Artikolu 50(2)(a) ta' dak ir-Regolament.

(3) Peress li l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-emendi fl-ispeċifikazzjoni għandhom jiġu approvati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emendi fl-ispeċifikazzjoni ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* dwar id-denominazzjoni li tinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament huma hawnhekk approvati.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 133, 6.6.2000, p. 19.
([3]) ĠU L 127, 4.5.2013, p. 17.

ANNESS

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski u pproċessati

FRANZA

Riz de Camargue (IĠP)

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1141/2013

tat-12 ta' Novembru 2013

li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Huile essentielle de lavande de Haute-Provence / Essence de lavande de Haute-Provence (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat it-talba ta' Franza għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Huile essentielle de lavande de Haute-Provence" / "Essence de lavande de Haute-Provence" irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ([2]), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 828/2003 ([3]).

(2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għal emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]), kif stipulat fl-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.

(3) Billi ma ġiet innotifikata ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-emenda għandha tkun approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda għall-ispeċifikazzjoni, ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tikkonċerna d-denominazzjoni mniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament, hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1.
([3]) ĠU L 120, 15.5.2003, p. 3.
([4]) ĠU C 140, 18.5.2013, p. 29.

ANNESS

Prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel imsemmija fil-Parti I tal-Anness I, tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012:

Klassi 3.2. Żjut essenzjali

FRANZA

Huile essentielle de lavande de Haute-Provence/Essence de lavande de Haute-Provence (DPO)

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1142/2013

tat-12 ta' Novembru 2013

li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Chaource (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità mal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Franza għall-approvazzjoni ta' emenda fir-reġistru tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Chaource", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ([2]), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1326/2008 ([3]).

(2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]), kif stipulat fl-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.

(3) Billi ma ġiet innotifikata ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, l-emenda għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda fir-reġistru, ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tikkonċerna d-denominazzjoni mniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament, hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1.
([3]) ĠU L 345, 23.12.2008, p. 20.
([4]) ĠU C 159, 5.6.2013, p. 7.

ANNESS

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

Klassi 1.3. Ġobnijiet

FRANZA

Chaource (DPO)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1143/2013

tat-13 ta' Novembru 2013

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1031/2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità b'mod partikolari biex tiġi elenkata pjattaforma tal-irkant li għandha tiġi maħtura mill-Ġermanja

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 3d(3) u 10(4) tagħha,

Billi:

(1) L-Istati Membri li mhumiex qed jipparteċipaw fl-azzjoni konġunta kif stipulat fl-Artikolu 26(1) u (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità ([2]), jistgħu jaħtru l-pjattaforma tal-irkant tagħhom stess għall-irkantar tas-sehem tagħhom tal-volum tal-kwoti koperti mill-Kapitoli II u III tad-Direttiva 2003/87/KE. Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 30(5) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, il-ħatra ta' dawn il-pjattaformi tal-irkant hija soġġetta għall-elenkar tal-pjattaforma tal-irkant ikkonċernata fl-Anness III ta' dak ir-Regolament.

(2) Skont l-Artikolu 30(4) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, il-Ġermanja infurmat lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha li ma tipparteċipax fl-azzjoni konġunta kif stipulat fl-Artikolu 26(1) u (2) ta' dak ir-Regolament, u li taħtar pjattaforma tal-irkant tagħha.

(3) Fil-15 ta' Marzu 2013, il-Ġermanja nnotifikat l-intenzjoni tagħha li taħtar lill-European Energy Exchange AG ("EEX") bħala pjattaforma tal-irkant kif jissemma fl-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, lill-Kummissjoni.

(4) Fl-20 ta' Marzu 2013, il-Ġermanja ppreżentat in-notifika lill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit skont l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li tikkonċerna mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kjoto ([3]).

(5) Biex ikun żgurat li l-ħatra proposta tal-EEX bħala pjattaforma tal-irkant imsemmija fl-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010 hija kompatibbli mar-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament u konformi mal-għanijiet stipulati fl-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, jeħtieġ li jiġu imposti għadd ta' kundizzjonijiet u obbligi fuq l-EEX.

(6) B'konformità mal-Artikolu 35(3)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, pjattaforma tal-irkant maħtura hija meħtieġa biex tipprovdi aċċess sħiħ, ġust u ekwu għall-offerti fl-irkanti għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u aċċess biex jagħmlu offerti fl-rkantijiet għall-emittenti ż-żgħar. Biex tiżgura dan, l-EEX għandha tipprovdi lil dawn l-SMEs u lill-emittenti ż-żgħar informazzjoni trasparenti, komprensiva u aġġornata, dwar il-possibbiltajiet ta' aċċess għall-irkanti imwettqa mill-EEX għall-Ġermanja inkluż il-gwida prattika kollha meħtieġa dwar kif tagħmel l-aħjar użu minn dawn il-possibbiltajiet. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli pubblikament fuq il-paġna web tal-EEX. Barra minn hekk, l-EEX għandha tirrapporta lis-sorveljatur tal-irkant biex tiġi maħtura, kif stipulat fl-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010 dwar il-kopertura miksuba, inkluż dwar il-livell ta' kopertura ġeografika miksuba u tqis sew ir-rakkomandazzjonijiet tas-sorveljatur tal-irkant f'dan ir-rigward biex tiżgura li tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 35(3)(a) u (b) ta' dan ir-Regolament.

(7) Skont l-Artikolu 35(3)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, meta jaħtru pjattaforma tal-irkant, l-Istati Membri jridu jqisu safejn il-pjattaforma tal-irkant kandidata hija kapaċi tevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern, inkluż is-suq tal-karbonju. B'mod partikolari, pjattaforma tal-irkant ma għandhiex tkun tista' tuża l-kuntratt tal-ħatra biex tieħu vantaġġ fuq il-kompetittività tal-attivitajiet l-oħra tagħha, notevolment fis-suq sekondarju li torganizza. Pjattaforma tal-irkant għandha tagħti l-għażla lil min ikun kandidat biex jagħmel l-offerti fl-irkanti li jitħallew jagħmlu l-offerti fl-irkanti mingħajr ma jkollhom isiru membri tal-iskambju jew parteċipanti fis-suq sekondarju organizzat minnha jew ta' kwalunkwe post tan-negozjar imħaddem minnha jew minn parti terza.

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

([2]) ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1.

([3]) ĠU L 49, 19.2.2004, p. 1.

(8) Skont l-Artikolu 35(3)(h) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, meta jaħtru pjattaforma tal-irkant, l-Istati Membri jridu jqisu l-limitu safejn ikunu pprovduti miżuri adegwati biex jesiġu li pjattaforma tal-irkant tittrasferixxi l-assi kollha tanġibbli u mhux tanġibbli meħtieġa għat-tmexxija tal-irkanti minn suċċessur tal-pjattaforma tal-irkant. Miżuri ta' dan it-tip għandhom ikunu stabbiliti b'mod ċar u f'waqthom fi strateġija ta' ħruġ li għandha tiġi riveduta mis-sorveljatur tal-irkant. Mhux biss l-EEX maħtura mill-Ġermanja, iżda l-pjattaformi kollha tal-irkant għandhom jiżviluppaw strateġija ta' ħruġ bħal din u jqisu sew l-opinjoni dwarha tas-sorveljatur tal-irkant.

(9) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010 dwar il-proċeduri tal-akkwist għall-ħatra ta' pjattaformi tal-irkant u tas-sorveljatur tal-irkant, u dwar it-tmexxija tal-irkanti, għandhom jiġu emendati.

(10) Minħabba li l-kwoti jridu jitwasslu fi żmien ħamest ijiem wara l-irkant, u minħabba li dawn il-kwoti stess jistgħu jiġu nnegozjati, ma hemmx għalfejn li l-prodott irkantat ikun negozjabbli.

(11) Xi drabi jkun hemm il-ħtieġa li pjattaforma tal-irkant ikollha tikkonsulta lis-sorveljatur tal-irkant. Tweġiba għal dawn il-konsulti, tfisser responsabbiltà u obbligazzjoni għas-sorveljatur tal-irkant. Biex jittaffew din ir-responsabbiltà u l-obbligazzjoni, b'mod partikolari f'każi ta' urġenza, il-pjattaforma tal-irkant li tkun qed tikkonsulta għandha tithalla tipproċedi bil-miżura maħsuba anki qabel ma tikseb l-opinjoni tas-sorveljatur tal-irkant. L-obbligu fuq il-pjattaforma tal-irkant biex tqis sew l-opinjoni tas-sorveljatur tal-irkant, fejn din tingħata, għandu jibqa'.

(12) Għandha tiġi riveduta wkoll id-determinazzjoni tal-kalendarji tal-irkanti. L-ewwel nett, la hu prattikabbli, u l-anqas mhu neċessarju li l-kalendarji tal-irkanti jiġu deċiżi daqshekk kmieni, jiġifieri fi Frar u f'Marzu tas-sena ta' qabel. It-tieni, il-volumi li se jiġu rkantati f'Awwissu għandhom ikunu n-nofs tal-volumi li jiġu rkantati f'xhur oħrajn, u dan jista' jsir billi jkun hemm inqas irkanti, kif ukoll billi jiġu rkantati volumi iżgħar. It-tielet, l-Artikolu 3d tad-Direttiva 2003/87/KE jiddetermina l-volumi u s-sehem tal-Istati Membri tal-kwoti tal-avjazzjoni li għandhom jiġu rkantati u d-dispożizzjoni fir-Regolament (UE) Nru 1031/2010 dwar il-volum annwali ta' kwoti tal-avjazzjoni li għandhom jiġu rkantati għandha tqis l-inċertezzi ta' xi whud mill-fatturi sekondarji li jiddeterminaw dawn il-volumi u l-ishma. Barra minn hekk, minħabba l-inċertezza dwar ir-riżultat tan-negozjati interni, hija ġustifikata ċerta flessibbiltà akbar fil-firxa tal-volum tal-kwoti tal-avjazzjoni li jridu jiġu rkantati tul sena kalendarja. Ir-raba' punt, f'każ ta' kanċellazzjonijiet konsekuttivi, il-kwoti għandhom jinfirxu fuq aktar mill-erba' rkantijiet skedati li ġejjin. Fl-aħħar nett, għandhom jiżdiedu d-dispożizzjonijiet fejn għandu x'jaqsam mal-kalendarju tal-irkanti għall-irkanti mill-pjattaforma tal-irkant komuni għal Stat Membru li ddeċieda li ma jeħux sehem fl-irkant, iżda li jrid juża l-pjattaformi tal-irkant komuni sakemm tiġi maħtura l-pjattaforma tal-irkant tiegħu. Dawn id-dispożizzjonijiet iridu jirriflettu d-dispożizzjoni dwar il-kalendarji tal-irkanti li għandhom jiġu deċiżi mill-pjattaformi tal-irkant maħtura minn dawn l-Istati Membri.

(13) Il-permess tad-dħul fl-irkanti ma għandhiex tiddipendi fuq li wieħed isir membru tas-suq sekondarju, jew li jieħu sehem fis-suq sekondarju, organizzat mill-pjattaforma tal-irkant jew ta' kwalunkwe post tal-kummerċ ieħor operat mill-pjattaforma jew minn kwalunkwe parti terza. Dan ir-rekwiżit għandu japplika għal kull pjattaforma tal-irkant u mhux biss għal dawk maħtura mill-Istati Membri li ma jkunux qed jieħdu sehem fl-azzjoni konġunta għall-akkwist ta' pjattaformi tal-irkant komuni.

(14) Pjattaforma tal-irkant tista' toffri mezz alternattiv wieħed jew aktar għall-aċċess għall-irkanti tagħha, jekk il-mezz ewlieni ta' aċċess ikun inaċċessibbli għal xi raġuni jew oħra, sakemm dawk il-mezzi alternattivi ta' aċċess ikunu siguri u affidabbli u l-użu tagħhom ma jwassalx għal xi diskrimazzjoni fost l-offerenti. Biex ma jkunx hemm dubju, għandu jiġi ċċarat li l-Istati Membri jistgħu jkunu jeħtieġu pjattaforma tal-irkant biex joffru dawn il-mezzi alternattivi.

(15) L-implimentazzjoni ta' projbizzjoni fuq l-Istati Membri li jiżvelaw l-informazzjoni privileġġata lil persuni li jkunu qegħdin jaħdmu ma' rkantatur tista' ma tkunx prattikabbli, jew ikollha impatt negattiv fuq l-effiċjenza fil-ħidma tal-irkantatur maħtur jew ta' nies li jaħdmu miegħu. L-irkantaturi għandhom biss rwol limitat fil-mod kif jiżvolġu l-irkanti u teżisti medda ta' miżuri biex jittaffew ir-riskji ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata, li jinkludu miżuri li jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn l-irkantatur jew nies li jaħdmu miegħu jkollhom aċċess għal informazzjoni privileġġata. F'dan il-kuntest, projbizzjoni totali tkun sproporzjonata. B'danakollu, l-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli li jiżguraw li rkantatur maħtur ikollu l-miżuri xierqa stabbiliti biex jevitaw l-abbuż minn informazzjoni privileġġata qabel ma jiżvelaw din l-informazzjoni privileġġata.

(16) In-notifika minn Stat Membru li ma jieħux sehem fl-azzjoni konġunta tal-akkwist ta' pjattaformi tal-irkant komuni tal-pjattaforma tal-irkant li biħsiebu jaħtar ma jistax ikun fiha l-kalendarju sħiħ tal-irkanti, iżda għandu jkun fiha l-informazzjoni rilevanti għall-koordinazzjoni ta' kalendarji tal-irkanti fi stadju aktar 'il quddiem.

(17) Ir-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010 għandha tibbenefika mir-rapport tas-sorveljatur tal-irkant dwar l-irkant imwettaq fl-2014, li huwa mistenni li jitressaq fil-bidu tas-sena ta' wara.

(18) Ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010 jistipula li pjattaforma tal-irkant trid tkun suq irregolat. Biex l-esperjenza rilevanti u l-għarfien espert jagħtu l-frott, u jittaffew ir-riskji waqt it-twettiq tal-irkanti, jixraq li jiġi ċċarat li dan għandu jkun suq irregolat, li l-operatur tiegħu jorganizza suq tal-kwoti jew ta' derivattivi tal-kwoti.

(19) Billi s-sorveljatur tal-irkant jista' jitħallas mill-introjtu tal-irkant, tista' tkun ħaġa tajba li pjattaforma tal-irkant taġixxi bħala aġent tal-ħlas għall-ispejjeż tas-sorveljatur tal-irkant.

(20) Proċedura tal-akkwisti ristretta għall-ħatra tas-sorveljatur tal-irkant ma wasslitx għal kuntratt billi ma kien hemm ebda kandidati li ressqu talba biex jieħdu sehem f'dan l-akkwist konġunt. Proċedura ġdida jkollha tindirizza kwistjonijiet kumplessi, pereżempju dwar l-għażla tal-proċedura ta' sejħa għall-offerti, is-sura tal-kuntratt, u d-deskrizzjoni preċiża tal-kompiti, dawn jieħdu ż-żmien biex jiġu riżolkti. Iżda n-nuqqas ta' sorveljatur tal-irkant ma jagħmilx riskju daqshekk kbir għat-tmexxija tal-irkanti tant li dawn ikollhom jieqfu sakemm jinħatar is-sorveljatur.

(21) Pjattaforma tal-irkant tista tippermetti t-tressiq ta' applikazzjoni elettronika biex wieħed jagħmel l-offerti, iżda għandha tkun permessa wkoll li titlob dawn l-offerti f'forma ta' dokument fuq il-karta.

(22) Jekk il-pjattaforma tal-irkant maħtura minn Stat Membru li ma jkunx qed jieħu sehem fl-azzjoni konġunta għall-akkwist ta' pjattaformi tal-irkanti komuni ma jkunx jista' jagħmel irkanti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirrikorri għall-pjattaforma tal-irkant komuni biex jirkanta s-sehem tiegħu fil-volum ta' kwoti li se jiġu rkantati. Għandu jiġi ċċarat li l-arranġamenti bejn il-pjattaforma tal-irkant komuni u l-irkantaturi maħtura minn dawk l-Istati Membri jridu jkunu stabbiliti qabel ma jsir dan l-irkantar fuq pjattaforma tal-irkant komuni, iżda mhux aktar kmieni minn hekk.

(23) Il-pjattaformi tal-irkanti kollha għandhom jiddeċiedu dwar strateġija ta' ħruġ u jikkonsultaw mas-sorveljatur tal-irkant dwar dan. Dan l-obbligu ma għandux japplika esklussivament għall-pjattaformi tal-irkant maħtura mill-Istati Membri li ma jkunux qegħdin jieħdu sehem fl-azzjoni konġunta għall-ħatra ta' pjattaformi tal-irkant komuni.

(24) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima.

(25) Il-kuntratt bejn il-Ġermanja u l-EEX fil-kapaċità tagħha ta' pjattaforma tal-irkant tal-esklużjoni fakultattiva transizzjonali tiskadi f'Diċembru 2013. Biex ikunu żgurati rkantijiet mill-EEX prevedibbli u f'waqthom, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ b'urġenza.

(26) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-kwoti għandhom ikunu offruti għall-bejgħ fuq pjattaforma tal-irkant permezz ta' kuntratti elettroniċi standardizzati nnegozjati f'dik il-pjattaforma tal-irkant ('il-prodott irkantat')."

(2) Fl-Artikolu 7, il-paragrafi 7 u 8 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"7. Qabel jibda rkant, il-pjattaforma tal-irkant għandha tiddetermina l-metodoloġija għall-applikazzjoni tal-paragrafu 6, wara li tikkonsulta mas-sorveljatur tal-irkant, jekk dan ikun inħatar, u tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 56.

Bejn żewġ perjodi għall-offerti fuq l-istess pjattaforma tal-irkant, il-pjattaforma tal-irkant ikkonċernata tista' timmodifika l-metodoloġija. Din għandha tavża lis-sorveljatur tal-irkant, jekk dan ikun inħatar, u lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 56, mingħajr dewmien.

Il-pjattaforma tal-irkant ikkonċernata għandha tqis sewwa ħafna l-opinjoni tas-sorveljatur tal-irkant, fejn din tkun mogħtija.

8. Fejn jiġi kkanċellat irkant wieħed jew aktar skont il-paragrafi 5 jew 6 konsekuttivament, il-volum ikkombinat tal-kwoti ta' dawk l-irkanti għandu jitqassam b'mod ugwali fost l-irkanti skedati li jkun imiss għal fuq l-istess pjattaforma tal-irkant.

Fil-każ ta' kwoti koperti mill-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/87/KE l-għadd ta' rkantijiet li fuqhom irid jitqassam il-volum ikkombinat li għandu jiġi rkantat għandu jkun erba' darbiet daqs l-għadd ta' rkantijiet li jkunu ġew ikkanċellati.

Fil-każ ta' kwoti koperti mill-Kapitolu II tad-Direttiva 2003/87/KE l-għadd ta' rkantijiet li fuqhom irid jitqassam il-volum ikkombinat li għandu jiġi rkantat għandu jkun darbtejn l-għadd ta' rkantijiet li jkunu ġew ikkanċellati."

(3) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, kull pjattaforma tal-irkant tista', wara li tikkonsulta mas-sorveljatur tal-irkant u tikseb l-opinjoni tiegħu dwar dan, tibdel il-ħinijiet ta' kwalunkwe perjodu għall-offerti, billi tavża lill-persuni kollha li x'aktarx jintlaqtu. Il-pjattaforma tal-irkant ikkonċernata għandha tqis sewwa ħafna l-opinjoni tas-sorveljatur tal-irkant, fejn din tkun mogħtija."

(b) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Il-volum tal-kwoti koperti mill-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/87/KE li għandu jiġi rkantat mill-pjattaforma tal-irkant maħtura skont l-Artikolu 26(1) jew (2) għandu jitqassam b'mod ugwali bejn l-irkanti li jsiru f'sena partikolari, ħlief li volumi rkantati f'Awwissu ta' kull sena għandhom ikunu n-nofs tal-volum irkantat f'irkanti li jsiru f'xhur oħra tas-sena.

Il-volum tal-kwoti koperti mill-Kapitolu II tad-Direttiva 2003/87/KE li għandu jiġi rkantat mill-pjattaforma tal-irkant maħtura skont l-Artikolu 26(1) jew (2) fil-prinċipju għandu jitqassam b'mod ugwali fost l-irkanti li jsiru f'sena partikolari, ħlief li volumi rkantati li jsiru f'Awwissu ta' kull sena għandhom ikunu n-nofs tal-volum irkantat f'irkanti li jsiru f'xhur oħra tas-sena."

(4) L-Artikolu 9 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

Ċirkustanzi li ma jħallux rkantijiet isiru

Mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli msemmijin fl-Artikolu 58 fejn xieraq, pjattaforma tal-irkant tista' tikkanċella rkant li t-tmexxija tajba tiegħu tiġi mfixxkla jew x'aktarx li se tiġi mfixxkla. Fejn jiġi kkanċellat irkant wieħed jew aktar konsekuttivament, il-volum ikkombinat tal-kwoti rkantati għandu jitqassam b'mod ugwali fost l-irkanti skedati li jkun imiss għal fuq l-istess pjattaforma tal-irkant.

Fil-każ ta' kwoti koperti mill-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/87/KE l-għadd ta' rkantijiet li fuqhom irid jitqassam il-volum ikkombinat li għandu jiġi rkantat għandu jkun erba' darbiet daqs l-għadd ta' rkantijiet li jkunu ġew ikkanċellati.

Fil-każ ta' kwoti koperti mill-Kapitolu II tad-Direttiva 2003/87/KE l-għadd ta' rkantijiet li fuqhom irid jitqassam il-volum ikkombinat li għandu jiġi rkantat għandu jkun darbtejn l-għadd ta' rkantijiet li jkunu ġew ikkanċellati konsekuttivament."

(5) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-pjattaformi tal-irkant maħtura skont l-Artikolu 26(1) jew (2) ta' dan ir-Regolament għandhom jiddeterminaw u jippubblikaw il-perjodi għall-offerti, il-volumi individwali, id-dati tal-irkanti, kif ukoll il-prodott irkantat, id-dati tal-ħlas u l-konsenja tal-kwoti koperti mill-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/87/KE li jkollhom jiġu rkantati f'irkanti individwali kull sena kalendarja, sat-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel, jew malajr kemm jista' jkun prattikabbli minn dakinhar 'il quddiem, ladarba qabel ikunu kkonsultaw mal-Kummissjoni u kisbu l-opinjoni tagħha dwar dan. Il-pjattaformi tal-irkant ikkonċernati għandhom iqisu bl-akbar attenzjoni l-opinjoni tal-Kummissjoni."

(b) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-kalendarju għal irkanti individwali ta' kwoti koperti mill-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/87/KE mmexxijin minn pjattaforma tal-irkant, barra mill-pjattaformi tal-irkanti maħtura skont l-Artikolu 26(1) jew (2) ta' dan ir-Regolament għandu jiġi ddeterminat u ppubblikat skont l-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 32 għandu japplika wkoll rigward l-irkanti immexxija skont it-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 30(7) mill-pjattaforma tal-irkant maħtura skont l-Artikolu 26(1) jew (2)."

(6) L-Artikolu 12 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

Il-volumi annwali ta' kwoti rkantati koperti mill-Kapitolu II tad-Direttiva 2003/87/KE

1. Il-volum tal-kwoti koperti mill-Kapitolu II tad-Direttiva 2003/87/KE li għandhom jiġu rkantati kull sena għandu jkun ta' 15 % tal-volum mistenni ta' dawk il-kwoti li jkunu fiċ-ċirkolazzjoni għal dik is-sena. Fejn il-volum irkantat f'sena partikolari jkun madwar 15 % tal-volum li jkun realment iddaħħal fiċ-ċirkolazzjoni għal dik is-sena, il-volum li jkun irid jiġi rkantat fis-sena ta' wara għandu jikkoreġi d-differenza. Jekk ikun hemm kwoti li ma jkunux għadhom ġew irkantati wara l-aħħar sena ta' perjodu ta' negozjar għandhom jiġu rkantati fl-ewwel erba' xhur tas-sena ta' wara.

Il-volum ta' kwoti li għandu jkun irkantat fl-aħħar sena ta' kull perjodu ta' negozjar, għandhom jitqiesu l-kwoti li jifdal fir-riżerva speċjali msemmija fl-Artikolu 3f tad-Direttiva 2003/87/KE.

2. Għal kull sena kalendarja f'perjodu ta' negozjar partikolari, kull sehem tal-kwoti ta' Stat Membru li għandhom jiġu rkantati, koperti mill-Kapitolu II tad-Direttiva 2003/87/KE għandu jkun iddeterminat skont l-Artikolu 3d(3) ta' dik id-Direttiva."

(7) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel sottoparagrafu tal-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Mill-2013 'il quddiem, il-pjattaformi tal-irkanijiet maħtura skont l-Artikolu 26(1) jew (2) ta' dan ir-Regolament għandhom fil-prinċipju jiddeterminaw u jippubblikaw il-perjodi għall-offerti, il-volumi individwali, id-dati tal-irkanti, kif ukoll il-prodott irkantat, id-dati tal-ħlas u l-konsenja tal-kwoti koperti mill-Kapitolu II tad-Direttiva 2003/87/KE li jkollhom ikunu rkantati f'irkanti individwali għal kull sena kalendarja, sat-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel, jew malajr kemm jista' jkun prattikabbli minn dakinhar 'il quddiem, wara li qabel ikunu kkonsultaw mal-Kummissjoni u kisbu l-opinjoni tagħha dwar dan. Il-pjattaformi tal-irkant ikkonċernati għandhom iqisu bl-akbar attenzjoni l-opinjoni tal-Kummissjoni."

(b) fil-paragrafu 4, għandu jiżdied it-tieni sottoparagrafu li ġej:

"L-Artikolu 32 għandu japplika wkoll rigward l-irkanti immexxija skont it-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 30(7) mill-pjattaforma tal-irkant maħtura skont l-Artikolu 26(1) jew (2)."

(8) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Il-permess tad-dħul fl-irkanti ma għandhiex tiddipendi fuq li wieħed isir membru tas-suq sekondarju, jew li jieħu sehem fis-suq sekondarju, organizzat mill-pjattaforma tal-irkant jew ta' kwalunkwe post tal-kummerċ ieħor operat mill-pjattaforma jew minn kwalunkwe parti terza."

(b) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Pjattaforma tal-irkant tista' toffri, u l-Istati Membri jistgħu jitolbu, mezz alternattiv wieħed jew aktar għal aċċess għall-irkanti tagħha, jekk il-mezz ewlieni ta' aċċess ikun inaċċessibbli għal xi raġuni jew oħra, sakemm dawk il-mezzi alternattivi ta' aċċess ikunu siguri u affidabbli u l-użu tagħhom ma jwassalx għal xi diskrimazzjoni fost l-offerenti."

(9) Fl-Artikolu 18(1), il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) operatur jew operatur tal-inġenji tal-ajru li jkollu kont ta' depożitu ta' operatur, li jressaq l-offerti f'ismu, u dan jinkludi kull impriża prinċipali, impriża sussidjarja jew impriża affiljata li tifforma parti mill-istess grupp ta' impriżi bħala l-operatur jew l-operatur tal-inġenji tal-ajru;"

(10) Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Applikazzjoni għall-ammissjoni għal offerta magħmula skont il-paragrafu 1 għandha ssir billi titressaq applikazzjoni mimlija lill-pjattaforma tal-irkant. Il-formola tal-applikazzjoni u l-aċċess għaliha permezz tal-Internet għandhom ikunu pprovduti u miżmuma tajjeb mill-pjattaforma tal-irkant ikkonċernata."

(11) L-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Għall-Istati Membri li ma jkunux qed jipparteċipaw f'azzjonijiet konġunti kif previst fl-Artikolu 26(1) u (2), l-irkantatur għandu jinħatar mill-Istat Membru li qed jaħtru, biex jiġu konklużi u implimentati l-arranġamenti meħtieġa ma' dawn il-pjattaformi tal-irkanti maħtura skont l-Artikolu 26(1) u (2), inkluż kull sistema tal-ikklirjar u sistema tas-saldu konnessa magħhom, biex jippermetti lill-irkantatur jirkanta l-kwoti f'isem l-Istat Membru li qed jaħtru fil-pjattaformi tal-irkantar skont termini u kundizzjonijiet miftiehma reċiprokament, skont it-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 30(7) u tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 30(8)."

(b) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri ma għandhomx jiżvelaw informazzjoni privileġġata ma' persuni li jaħdmu mal-irkantatur sakemm il-perdsuna li tkun qed taħdem għall-Istat Membru jew taġixxi f'ismu ma tagħtix din l-informazzjoni fuq bażi ta' ħtieġa għall-informazzjoni, b'mod normali waqt l-eżerċizzju tax-xogħol, tal-professjoni jew tal-kompiti tagħhom normali ta' kuljum, u l-Istat Membru kkonċernat ikun sodisfatt li l-irkantatur ikollu stabbiliti l-miżuri xierqa biex jevita l-abbuż minn informazzjoni privileġġata fit-tifsira tal-Artikolu 3(28) jew kif ipprojbit bl-Artikolu 38, minn kull persuna li taħdem ma' rkantatur, minbarra l-miżuri previsti fl-Artikolu 42(1) u (2)."

(12) Fl-Artikolu 24(1), it-tielet sottoparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fejn ikun hemm raġunijiet ta' *force majeure* li jwaqqfu lis-sorveljatur tal-irkant milli jwettaq il-kompiti tiegħu, jew kollha jew parti minnhom, fir-rigward ta' rkant partikolari, il-pjattaforma tal-irkant ikkonċernata tista' tiddeċiedi li tmexxi dak l-irkant sakemm din tieħu l-passi xierqa biex tiżgura monitoraġġ xieraq ta' dan l-irkant. Dan għandu japplika wkoll sal-mument li l-ewwel sorveljatur tal-irkant maħtur skont il-paragrafu 2 jibda jissorvelja l-irkanti kkonċernati, kif speċifikat b'mod aktar iddettaljat fil-kuntratt tal-ħatra tiegħu."

(13) Fl-Artikolu 25, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej.

"6. Is-sorveljatur tal-irkant għandu jagħti l-opinjonijiet tiegħu skont l-Artikoli 7(7), 8(3), 27(3) u 31(1) u kif stipulat fl-Anness III. L-opinjonijiet għandhom jingħataw f'limitu ta' żmien raġjonevoli."

(14) Fl-Artikolu 27, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Fi żmien tliet xhur mid-data tal-ħatra tagħha, il-pjattaforma tal-irkant għandha tressaq l-istrateġija tal-ħruġ iddettaljata tagħha lill-Kummissjoni, li mbagħad tikkonsulta mas-sorveljatur tal-irkant dwarha. Fi żmien xahrejn mid-data li tirċievi l-opinjoni tas-sorveljatur tal-irkant skont l-Artikolu 25(6), il-pjattaforma tal-irkant għandha tanalizza, u, fejn ikun meħtieġ, temenda, l-istrateġija tal-ħruġ tagħha, filwaqt li tqis sew dik l-opinjoni."

(15) Fl-Artikolu 30(6), il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) il-prodott irkantat u kull informazzjoni meħtieġa biex il-Kummissjoni tivvaluta jekk il-kalendarju tal-irkanti maħsub huwiex kompatibbli ma' kull kalendarju tal-irkanti kurrenti jew maħsub tal-pjattaformi tal-irkanti maħtura skont l-Artikoli 26(1) jew (2), kif ukoll ma' kalendarji oħrajn tal-irkanti proposti minn Stati Membri oħra li ma jkunux qegħdin jieħdu sehem fl-azzjoni konġunta stipulata fl-Artikolu 26, iżda li jagħżlu li jaħtru l-pjattaformi tal-irkanti tagħhom;"

(16) Fl-Artikolu 31, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Kull pjattaforma tal-irkant maħtura skont l-Artikolu 30(1) għandha taqdi l-istess funzjonijiet bħall-pjattaforma tal-irkant maħtura skont l-Artikolu 26(1) kif stipulat fl-Artikolu 27.

B'danakollu, pjattaforma tal-irkant maħtura skont l-Artikolu 30(1) għandha tkun eżentata mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27(1)(c) u għandha tressaq l-istrateġija tal-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 27(3) lill-Istat Membru li jkun ħatarha, li jrid jikkonsulta mas-sorveljatur tal-irkant dwarha."

(17) Fl-Artikolu 32(4), l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-pjattaformi tal-irkanti maħtura skont l-Artikolu 30(1) jew (2) ta' dan ir-Regolament għandhom jiddeterminaw u jippubblikaw il-perjodi għall-offerti, il-volumi individwali, id-dati tal-irkanti, kif ukoll il-prodott irkantat, id-dati tal-ħlas u tal-konsenja tal-kwoti koperti mill-Kapitoli II u III tad-Direttiva 2003/87/KE, li għandhom jiġu rkantati f'irkanti individwali kull sena, sal-31 ta' Ottubru tas-sena ta' qabel, jew malajr kemm jista' jkun prattikabbli minn dakinhar 'il quddiem. Il-pjattaformi tal-irkant konċernati għandhom jagħmlu d-determinazzjoni u l-pubblikazzjoni tagħhom biss wara d-determinazzjoni u l-pubblikazzjoni skont l-Artikoli 11(1) u 13(1) ta' dan ir-Regolament mill-pjattaformi tal-irkant maħtura skont l-Artikolu 26(1) jew (2) ta' dan ir-Regolament, sakemm tali pjattaforma tal-irkant ma tkunx għadha ġiet maħtura. Il-pjattaformi tal-irkant konċernati għandhom jagħmlu d-determinazzjoni u l-pubblikazzjoni tagħhom biss wara li jkunu kkonsultaw il-Kummissjoni u kisbu l-opinjoni tagħha dwarhom. Il-pjattaformi tal-irkanti ikkonċernati għandhom iqisu bl-akbar attenzjoni l-opinjoni tal-Kummissjoni."

(18) Fl-Artikolu 33, l-ewwel sottoparagrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Malli s-sorveljatur tal-irkant jibgħat ir-rapport ikkonsolidat annwali dwar l-irkanti li jkunu twettqu fl-2014, il-Kummissjoni għandha teżamina l-arranġamenti stipulati f'dan ir-Regolament, inkluż l-operat tal-proċessi kollha tal-irkantar."

(19) Fl-Artikolu 35, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-irkanti għandhom jitwettqu biss fi pjattaforma tal-irkant awtorizzata bħala suq irregolat li l-operatur tiegħu jorganizza suq tal-kwoti jew tad-derivattivi tal-kwoti."

(20) Fl-Artikolu 44, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Pjattaforma tal-irkant inkluż is-sistema jew is-sistemi tal-ikklirjar jew is-sistema jew sistemi tas-saldu konnessa jew konnessi magħha, għandha tittrasferixxi l-pagamenti mħallsa mill-offerenti jew mis-suċċessuri tagħhom fit-titolu li joriġinaw mill-irkantar tal-kwoti koperti mill-Kapitolu II u III tad-Direttiva 2003/87/KE lill-irkantaturi li jkunu rkantaw il-kwoti inkwistjoni, ħlief kull ammont li għalih tkun mitluba biex taġixxi bħala aġent tal-ħlas rigward is-sorveljatur tal-irkant."

(21) L-Anness III huwa emendat skont it-test li jidher fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

It-Tabella fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010 hija emendata kif ġej:

Fil-parti 1, wara l-isem tal-pjattaforma tal-irkant maħtura mill-Ġermanja, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

	"Il-bażi legali	l-Artikolu 30(2)"

Fil-parti 2, wara l-isem tal-pjattaforma tal-irkant maħtura mir-Renju Unit, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

	"Il-bażi legali	l-Artikolu 30(1)"

Tiżdied il-Parti 3 li ġejja:

"**Pjattaformi tal-irkant maħtura mill-Ġermanja**		
3.	Pjattaforma tal-irkant	European Energy Exchange AG (EEX)
	Il-bażi legali	l-Artikolu 30(1)
	Tul-ta' żmien tal-ħatra	L-aktar kmieni mill-15 ta' Novembru 2013 sal-aktar tard l-14 ta' Novembru 2018, mingħajr ħsara lit-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 30(5).
	Kundizzjonijiet	L-ammissjoni fl-irkanti ma għandhiex tkun dipendenti fuq li wieħed isir membru ta' jew parteċipant fis-suq sekondarju organizzat mill-EEX jew ta' kwalunkwe post tal-kummerċ ieħor operat mill-EEX jew minn kwalunkwe parti terza.
	Obbligi	1. Fi żmien xahrejn mill-15 ta' Novembru 2013, l-EEX għandha tressaq l-istrateġija tal-ħruġ tagħha lill-Ġermanja għall-konsultazzjoni mas-sorveljatur tal-irkant. L-istrateġija tal-ħruġ għandha tkun mingħajr ħsara għall-obbligi fuq l-EEX skont il-kuntratt mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri, konkluż skont l-Artikolu 26 u għad-drittijiet tal-Kummissjoni u ta' dawk l-Istati Membri f'dak il-kuntratt. 2. L-EEX għandha tikkompila u żżomm fil-paġna tagħha fuq l-Internet, lista komprensiva u aġġornata tal-membri ammessi biex jagħmlu l-offerti li għandhom liċenzja biex jagħmlu l-offerti f'isem l-SMEs u emittenti żgħar, flimkien ma' gwida prattika u li tinftiehem faċilment li tinforma lill-SMEs u lill-emittenti żgħar dwar il-passi li jridu jieħdu biex jaċċessaw l-irkanti permezz ta' dawn il-membri. 3. Fi żmien sitt xhur wara l-bidu tal-irkanti jew xahrejn wara l-ħatra tas-sorveljatur tal-irkant, liema jiġi l-aħħar, l-EEX għandha tirrapporta dwar il-kopertura miksuba, inkluż il-livell tal-kopertura ġeografika, lis-sorveljatur tal-irkant, u tqis bl-akbar attenzjoni r-rakkomandazzjonijiet tas-sorveljatur tal-irkant dwar dan biex tiżgura li tkun qed tissodisfa l-obbligi kollha tagħha skont l-Artikolu 35(3)(a) u (b). 4. Il-Ġermanja għandha tavża lill-Kummissjoni dwar kull tibdil sostantiv fir-relazzjonijiet kuntrattwali rilevanti mal-EEX li ġew innotifikati lill-Kummissjoni fil-15 ta' Marzu 2013 u li ġew ikkomunitati lill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima fl-20 ta' Marzu 2013."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1144/2013

tat-13 ta' Novembru 2013

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [Tepertős pogácsa (STG)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006, l-applikazzjoni tal-Ungerija biex id-denominazzjoni "Tepertős pogácsa" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

(3) Il-Ġermanja u l-Awstrija nnotifikaw dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 509/2006. F'konformita mal-paragrafu 3 tal-Artikolu msemmi, il-Kummissjoni eżaminat id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni u kkunsidrathom bħala aċċettabbli.

(4) L-Ungerija indikat li ntlaħaq ftehim mal-Ġermanja u mal-Awstrija.

(5) F'dak li jirrigwarda l-Ġermanja, dan il-ftehim irriżulta fil-modifika tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, hekk li tħassru r-referenzi għall-parametri tal-kwalità meħtieġa tad-dqiq (BL55 u BL80).

(6) Fil-każ tal-Awstrija, din aċċettat il-konferma tal-Ungerija li l-iskop tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni huwa li jiġi protett l-isem uniku Ungeriż "Tepertős pogácsa" bħala speċjalità tradizzjonali garantita u li l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-isem Ungeriż ma għandha l-ebda effett negattiv fuq il-prodotti bl-isem ta' "Grammelpogatsche" u mhix se tikkompromettil-manifattura tal-prodott ikkummerċjalizzat bl-isem ta' "Grammelpogatsche".

(7) Fid-dawl ta' dan kollu, xieraq li id-denominazzjoni "Tepertős pogácsa" tiddaħħal fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti, u għalhekk l-ispeċifikazzjoni għandha tiġi aġġornata u ppubblikata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament hija rreġistrata.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni aġġornata tidher fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1.
([3]) ĠU C 180, 21.6.2012, p. 16.

ANNESS I

Prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel elenkati fil-punt II tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012:

Klassi 2.3. Prodotti ta’ ħobż, għaġina, kejkijiet, ħlewwiet, gallettini u prodotti oħra tal-furnara

L-UNGERIJA

Tepertős pogácsa (STG)

ANNESS II

1. **Speċifikazzjoni tal-prodott**

1.1. *Isem li għandu jiġi rreġistrat*

"Tepertős pogácsa"

Meta l-prodott jitqiegħed fis-suq, it-tikketta tista' tinkludi l-informazzjoni li ġejja: "magyar hagyományok szerint előállított" (prodott skont it-tradizzjonijiet Ungeriżi). Din l-informazzjoni għandha tkun tradotta wkoll fil-lingwi uffiċjali l-oħrajn.

1.2. *Indika jekk l-isem*

☐ hux speċifiku minnu nnifsu

☒ jesprimix il-karattru speċifiku tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

L-aġġettiv "tepertős" fid-denominazzjoni jiddeskrivi t-"tepertő" (il-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi), li huwa dak li jibqa' wara li jinqela x-xaħam tal-bejken, li, wara li jitqatta' f'biċċiet żgħar, jipprovdi, f'forma kremuża, l-ingredjent bażiku karatteristiku tal-prodott moħmi tond tal-ikel imsejjaħ "pogácsa".

1.3. *Indika jekk ir-riserva tal-isem hijiex qed tintalab skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006*

☐ Reġistrazzjoni bir-riserva tal-isem

☒ Reġistrazzjoni mingħajr ir-riserva tal-isem

1.4. *Tip ta' prodott*

Klassi 2.3. Prodotti ta' ħobż, għaġina, kejkijiet, ħlewwiet gallettini u prodotti oħra tal-furnara Klassi 2.3. Prodotti ta' ħobż, għaġina, kejkijiet, ħlewwiet gallettini u prodotti oħra tal-furnara

1.5. *Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-prodott tal-ikel li għalih japplika l-isem fil-punt 3.1*

"Tepertős pogácsa" huwa prodott moħmi tal-ikel li huwa tond u f'forma ta' ċilindru u li għandu dijametru ta' bejn 3 u 5 cm u piż ta' bejn 25 u 50 g. Huwa jkun fih il-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi u x-xaħam u l-ħmira biex jogħla. Il-prodott jista' jkun magħmul bl-għaġina tat-torti (*omlós*) jew bl-għaġina sfiljurata (*leveles*) u jkun imħawwar bil-melħ u l-bżar. Il-wiċċ tiegħu huwa kannella ħamrani u huwa mmarkat kaxxi kaxxi. Minn taħt huwa ċatt u ta' lewn kannella ħamrani. Ġo fih, il-prodott ikollu biċċiet tal-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi mqassmin b'mod omoġenju. Il-varjetà magħmula bl-għaġina tat-torti tista' tinqasam f'biċċiet, filwaqt li dik magħmula bl-għaġina sfiljurata hija iktar maħlula u jkun fiha ħafna saffi. Dan il-prodott għandu togħma tal-prodotti moqlija użati fil-qarquċiet tal-ġilda tal-majjal mixwi u huwa pjaċevolment mielaħ u jtiegħem ftit il-bżar. Il-prodott fih bejn 20 u 30 % ta' xaħam meta mqabbel mal-piż tal-materja niexfa u bejn 25 u 40 % ta' qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi meta mqabbel mal-piż tad-dqiq. Mill-inqas 60 % tal-kontenut tax-xaħam ġej mill-qarquċiet tal-ġilda tal-majjal mixwi.

Karatteristiċi organolettiċi:

	Il-varjetà tat-"tepertős pogácsa" magħmula bl-għaġina tat-torti	Il-varjetà tat-"tepertős pogácsa" magħmula bl-għaġina sfiljurata
Forma	Tonda u ċilindrika minn kull naħa	Tonda u ċilindrika, iżda tista' tkun immejla xi ftit lejn naħa jew oħra
Qoxra	Il-wiċċ ikun ileqq, kannella ħamrani u mmarkat kaxxi kaxxi fil-fond. Il-ġenb huwa tal-kulur ir-ramel u matt u l-qiegħ huwa kannella ħamrani u matt.	
Konsistenza interna	Konsistenza tal-għaġina tat-torti iżda li ma titfarrakx. Il-biċċiet tal-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi huma mqassma b'mod omoġenju u għandhom kulur kannella ċar ħafna.	Konsistenza ta' għaġina sfiljurata, magħmula minn saffi differenti li bejniethom ikunu jidhru l-biċċiet tal-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi, u li għandhom kulur kannella ċar ħafna.
Togħma	Togħma karatteristika tal-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi, pjaċevolment mielħa u bi ftit bżar.	
Palat	Palat karatteristiku tal-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi u tax-xaħam; aroma ta' bżar.	

Karatteristiċi fiżiċi u kimiċi:

Kontenut tax-xaħam: il-kontenut tax-xaħam tal-prodott lest meta mqabbel mal-piż tal-materja niexfa huwa ta' bejn 20 u 30 % (m/m).

Kontenut tal-melħ: il-kontenut tal-melħ tal-prodott lest meta mqabbel mal-piż tal-materja niexfa huwa ta' mhux iktar minn 4,0 % (m/m).

1.6. *Deskrizzjoni tal-metodu ta' produzzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel li għalih japplika l-isem fil-punt 3.1*

Materja prima:

— Għall-krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi:

  — Qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi mingħajr il-ġilda: 70 sa 75 % mill-krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi hija magħmula mill-biċċiet tax-xaħam li jibqa' wara li jinqela x-xaħam tal-bejken li jkollu ftit jew xejn laħam,

  — Xaħam: 25 sa 30 % mill-krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi hija magħmula mix-xaħam li jkun hemm waqt li jkun qed jinqela x-xaħam tal-bejken li jkollu ftit jew xejn laħam,

— Preparazzjoni tal-għaġina: dqiq tal-qamħ jew dqiq tal-ispelt, bajd, isfar tal-bajd, ħalib, ħmira, inbid abjad jew ħall, krema, melħ u bżar.

L-użu ta' kwalunkwe tip ta' addittiv tal-ikel biex jiġi ppreparat it-"tepertős pogácsa" huwa pprojbit (pereżempju l-aġenti li jgħollu jew il-preżervattivi).

Metodu ta' produzzjoni:

Skont il-metodu ta' produzzjoni użat għall-għaġina, it-"tepertős pogácsa" jista' jkun magħmul bl-għaġina sfiljurata jew bl-għaġina tat-torti.

Il-produzzjoni tal-varjetà tat-"TEPERTŐS POGÁCSA" magħmula bl-għaġina tat-torti.

L-ewwel fażi: il-preparazzjoni tal-krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi

Il-qarquċiet friski mingħajr ġilda jkunu ċċattjati b'lembuba sakemm ma jibqax biċċiet kbar jew mhux fini u sakemm il-biċċiet mixwija jitqassmu b'mod omoġenju fil-krema. Dawn jistgħu wkoll jitqattgħu bil-magna tal-ikkapuljat. F'dan il-każ, għandu jintuża l-apparat bl-iżgħar toqob.

Il-krema u x-xaħam jitħawdu b'mgħarfa tal-injam jew b'magna li tħawwad l-ingredjenti. Rekwiżit importanti hu li ma għandhomx jiżdiedu addittivi, preżervattivi, qarquċiet tal-wiżż, xaħam magħmul mill-ħxejjex jew marġerina sabiex tkun ippreparata l-krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi; jintużaw biss il-qarquċiet friski mingħajr ġilda.

Il-krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi prodotta b'mod industrijali wkoll għandha tissodisfa r-rekwiżiti marbutin mal-produzzjoni tal-krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi.

It-tieni fażi: preparazzjoni tal-għaġina

Sabiex it-taħlita tkun omoġenja, għandhom jiżdiedu bejn 250 u 400 gramma ta' krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi ma' kull kilo dqiq tal-qamħ. Il-krema magħmula mill-qarquċiet għandha tgħatti d-dqiq. Dan huwa essenzjali biex tinkiseb il-konsistenza tal-varjetà tal-għaġina tat-torti. L-ingredjenti kollha, jiġifieri d-dqiq imħallat mal-krema tal-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi u, ma' kull kilo dqiq, 5 % tal-ħmira attivata fil-ħalib, bajda waħda, isfar ta' bajda, 0,02 % ta' inbid abjad jew ħall, 2,5 % melħ, 0,001 % bżar mitħun, u biżżejjed krema biex tinkiseb għaġina relattivament iebsa, jingħaġnu flimkien. It-taħlita tkompli tingħaġen sakemm l-għaġina tagħqad flimkien. Il-konsistenza meħtieġa tal-għaġina tat-torti ma tinkisibx jekk l-għaġina titngħaġen iżżejjed.

Minħabba l-kontenut għoli ta' xaħam tal-prodott, l-għaġina għandha ssir b'ingredjenti keshin u għandha titħalla toqgħod f'post kiesaħ sakemm it-temperatura interna tagħha tilħaq is-26 C. In-natura tal-prodott tippermetti wkoll li l-għaġina titħalla fil-friġġ f'temperatura ta' bejn + 5 u + 8 C għal mill-inqas 3 sigħat.

Wara, l-għaġina li tkun kesħet u għoliet tinfetaħ f'saff għoli daqs saba' u l-wiċċ jiġi mmarkat fil-fond b'ħafna linji perpendikulari. Dan jista' jsir permezz ta' skieken miġbura flimkien, li jkunu mbegħdin 3 mm minn xulxin. Il-qtugħ ġeneralment isir b'għodda għall-qtugħ tal-għaġina li jkollha dijametru ta' bejn 3 u 6 cm, u wieħed għandu jara li l-forom ikunu omoġenji u li dawn jibqgħu kemm jista' jkun ċilindriċi. Il-forma finali tintlaħaq billi l-għaġina tinfetaħ bil-pala tal-id. L-għadd ta' ftajjar neċessarji biex timtela turtiera tal-forn jitpoġġew ħdejn xulxin fuq injama u jinksew, permezz ta' pinzell tal-kċina, b'bajda mħabbta mingħajr ma din titħalla ċċarċar mal-ġnub tal-forom ċilindriċi. Meta l-bajda fuq wiċċ il-ftajjar tkun nixfet xi ftit, il-ftajjar jitpoġġew fit-turtiera u jitħalla spazju omoġenju bejniethom. Il-biċċiet tal-għaġina li jkun għad baqa' jistgħu jingħaġnu flimkien mhux aktar minn darbtejn oħra bl-inqas tqandil possibbli u jistgħu jintużaw iktar tard wara li l-għaġina titħalla tistrieħ.

Il-ftajjar jitħallew jogħlew għal bejn 50 u 55 minuta fit-turtiera, imbagħad jinħmew għal bejn 12 u 15-il minuta f'forn jaħraq f'temperatura ta' bejn 220 u 240 C u mbagħad ikunu saru.

Il-ftajjar jinbiegħu mhux ippakkjati (waħda waħda) jew ippakkjati minn qabel.

Il-produzzjoni tal-varjetà "TEPERTŐS POGÁCSA" magħmula bl-għaġina SFILJURATA

L-ewwel fażi: il-preparazzjoni tal-krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi

Il-preparazzjoni tal-krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi hija simili għal dik użata għall-varjetà magħmula bl-għaġina tat-torti. L-unika differenza hija li, minbarra x-xaħam u l-qarquċa tal-majjal mingħajr il-ġilda, għal din il-varjetà jiżdiedu wkoll il-melħ (madwar 1,5 % skont il-piż tad-dqiq) u l-bżar mitħun fin ħafna (madwar 0,001 % skont il-piż tad-dqiq). Il-melħ jiżdied f'dan l-istadju minħabba li jekk l-ammont ta' melħ neċessarju għat-togħma mielħa karatteristika tal-ftajjar jiżdied biss waqt il-preparazzjoni tal-għaġina, l-għaġina tinqasam u ma tkunx tista' tinkiseb il-konsistenza sfiljurata tagħha.

F'dan il-każ, mill-kwantità ta' xaħam indikata għall-preparazzjoni tal-krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi, 50 %, jiġifieri nofs, għandu jiżdied mal-krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi u n-nofs l-ieħor għandu jitħalla għal mal-għaġina.

It-tieni fażi: preparazzjoni tal-għaġina

L-hekk imsejħa għaġina bażika hija ppreparata bid-dqiq, bix-xaħam li jkun twarrab meta kienet qed tiġi ppreparata l-krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi, bil-melħ (madwar 1 % skont il-piż tad-dqiq) u, ma' kull kilo dqiq, 5 % tal-ħmira attivata fil-ħalib, 0,02 % inbid abjad jew ħall, possibbilment bajda waħda, isfar ta' bajda u biżżejjed krema biex tinkiseb għaġina li ma tkunx iebsa żżejjed, li ma titfarrakx u li tkun tista' tinħadem faċilment.

Għal din il-varjetà, huwa importanti li l-ingredjenti u l-krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi jinżammu f'temperatura baxxa sabiex il-krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi tkun tista' tissepara s-saffi tal-għaġina meta tkun qed tiġi ppreparata l-għaġina sfiljurata. Ix-xaħam bejn is-saffi rqaq tal-għaġina kiesħa jinħall waqt il-ħami u jevita li s-saffi tal-għaġina jeħlu ma' xulxin. Sadanittant, l-ilma li jkun hemm fl-għaġina u fix-xaħam jinbidel fi fwar li jrattab is-saffi tal-għaġina u jisseparahom minn ma' xulxin, hekk li l-prodott li jkun qed jinħema jinqasam f'saffi.

Il-konsistenza sfiljurata tal-prodott tista' tinkiseb b'żewġ modi:

(a) il-krema magħmula mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi tiddellek b'mod uniformi fuq l-għaġina miftuħa rqiqa, imbagħad l-għaġina titrembel minn tarf wieħed. Dan ir-romblu jitħalla joqgħod għal bejn 15 u 30 minuta, imbagħad jinfetaħ għal darb'oħra f'saff irqiq u jitrembel f'direzzjoni perpendikulari meta mqabbel mat-trembil preċedenti. Jekk ma jseħħx dan it-tidwir, il-ftajjar jiġu irregolari meta jinħmew;

(b) l-għaġina bażika li tkun tħalliet toqgħod tinfetaħ f'saff irqiq u t-taħlita tal-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi tiddellek fuq il-wiċċ kull darba li tintewa l-għaġina. F'dan il-każ l-għaġina ma titrembilx, iżda tintewa (tal-anqas tliet darbiet).

Qabel il-ftuħ tal-aħħar, l-għaġina titħalla toqgħod għal tal-anqas 15-il minuta, imbagħad tinfetaħ sa ma tiġi ħoxna daqs saba' (bejn 1 u 2 cm); il-wiċċ tagħha jiġi mmarkat fil-fond b'ħafna linji perpendikulari u tinqata' permezz ta' għodda għall-qtugħ tal-għaġina b'dijametru ta' bejn 3 u 6 ċentimetri. L-għadd ta' ftajjar neċessarji biex timtela turtiera tal-forn jitpoġġew ħdejn xulxin fuq injama u jinksew, permezz ta' pinzell tal-kċina, b'bajda mħabbta mingħajr ma din titħalla ċċarċar mal-ġnub tal-forom ċilindriċi.

Meta l-bajda fuq wiċċ il-ftajjar tkun nixfet xi ftit, il-ftajjar jitpoġġew fit-turtiera tal-ħami u jitħalla spazju omoġenju bejniethom; huma jitħallew jogħlew għal bejn 40 u 45 minuta, imbagħad jinħmew għal bejn 8 u 10 minuti f'forn jaħraq f'temperatura ta' bejn 220 u 240 C u mbagħad ikunu saru.

Il-ftajjar jinbiegħu mhux ippakkjati (waħda waħda) jew ippakkjati minn qabel.

1.7. *Karattru speċifiku tal-prodott agrikolu jew tal-prodott tal-ikel*

Il-karattru speċifiku tat-"tepertős pogácsa" ġej mill-affarijiet li ġejjin:

— il-materja prima li hija l-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi u x-xaħam,

— it-teknika speċjali użata għall-preparazzjoni tal-għaġina,

— il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u organolettiċi.

Il-materja prima, li hija l-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi, tagħti lill-prodott in-natura tiegħu.

Il-karattru speċifiku tat-"tepertős pogácsa" ġej mill-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi, li hija l-biċċiet li jibqa' wara li jinqela x-xaħam tal-bejken li jkollu ftit jew xejn laħam. Il-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi fiha bejn 12 u 13 % proteina u bejn 82 u 84 % xaħam, u 60 % tal-kontenut tax-xaħam tal-prodott ikun ġej minnha.

It-teknika speċjali tal-preparazzjoni tal-għaġina:

Il-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi li tintuża għall-varjetà magħmula bl-għaġina tat-torti tagħmilha possibbli wkoll li l-għaġina tiġi ppreparata pemezz ta' teknika speċjali ta' tiwi li tagħtiha l-konsistenza sfiljurata tagħha; barra minn hekk, il-kontenut għoli tax-xaħam jirrikjedi l-preparazzjoni speċjali tal-għaġina f'temperaturi kesħin ta' bejn l-24 u s-26 C.

Il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u organolettiċi:

Minħabba l-kontenut tax-xaħam ta' bejn 20 u 30 % tiegħu, miksub mill-użu tal-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi u tax-xaħam, it-"tepertős pogácsa" għandu valur nutrittiv ogħla, jinxef iktar bil-mod u jżomm iktar tajjeb minn prodotti oħrajn tal-istess kategorija.

1.8. *Karattru tradizzjonali tal-prodott agrikolu jew tal-prodott tal-ikel*

Il-kelma "pogácsa" (ftira żgħira) intużat għall-ewwel darba madwar l-1395, u oriġinarjament kienet tfisser kejk tond qisu ħobża moħmi fl-irmied u l-faħam. Fl-istejjer tradizzjonali Ungeriżi, dan il-prodott sar magħruf bħala "hamuban sült pogácsa" (ftira żgħira moħmija fl-irmied). Sa tmiem is-seklu 17, il-kelma użata għall-kejk tond qisu ħobża li kien jittiekel bħall-ħobż, kien ftira-ħobża jew ħobża forma ta' ftira. Il-varjetà li nsibu llum, li hija iżgħar u forma ta' ċilindru u mmarkata kaxxi kaxxi, saret popolari fl-Ungerija fl-aħħar tal-Medju Evu. Dan il-prodott kien l-iktar oġġett tal-ikel popolari tal-kċina tal-kampanja tal-Ungerija u kien magħmul b'diversi tipi ta' għaġina, u l-popolarità tiegħu ma naqset qatt minn dakinhar 'l hawn.

Żewġ kundizzjonijiet ippermettew l-iżvilupp tat-"tepertős pogácsa": il-qali tax-xaħam mill-bejken saret attività komuni u l-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi saret oġġett tal-ikel ta' kuljum. Skont deskrizzjoni tal-1770 ta' familja nobbli mill-klassi tan-nofs li kienet ġejja mir-reġjun ta' Somogy, il-bejken moqli u l-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi saru parti mill-kċina tan-nobbiltà mis-seklu 18 'il quddiem. Dan huwa ppruvat mill-inventarji tal-wirt tal-familji nobbli, li juru li mis-seklu 18 'il quddiem fil-Pjanura l-Kbira bdew jidhru l-btieti żgħar għax-xaħam (Cegléd 1850–1900, ippubblikat fl-1988 mill-mużew ta' Cegléd imsejjaħ Kossuth Múzeum, p. 28, 30, Szűcs). Probabbilment id-drawwiet tal-qali tal-bejken u tal-konsum tax-xaħam saru parti mit-tradizzjoni popolari ta' kif ir-raħħala jippreparaw il-majjal f'nofs is-seklu 19, għaliex mill-1850 'il quddiem insibu l-btieti tax-xaħam fir-reġistri tal-irħula taż-żona li tinsab bejn ix-xmara Danubju u x-xmara Tisza.

Skont id-dejta etnografika orali ta' tmiem is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20, il-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi kienet tintuża fid-djar tar-raħħala tar-reġjun ċentrali ta' Tisza biex isir is-sapun, u mbagħad bil-mod il-mod din bdiet tittiekel. Wara li jinqatel il-majjal, il-ftajjar kienu jinħmew b'qarquċiet friski tal-ġilda tal-majjal mixwi, li ġeneralment kienu jkunu żgħar u mingħajr ġilda. Xogħlijiet ikkonsolidati importanti li saru fit-tletinijiet fil-qasam tal-etnografija jirreferu għal ftajjar magħmula b'għaġina li tkun għoliet jew le, ibbażata fuq id-dqiq mill-qamħ u diġà miżjuda b'ingredjenti oħra, fost oħrajn bil-qarquċa (Bátky Zs.: *Táplálkozás* ("Oġġetti tal-ikel") fi: *A magyarság néprajza* ("L-etnografija tal-Ungeriżi"), Budapest, 1933, p. 100) u għalhekk wieħed jista' jsostni li ż-żieda tal-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi li tkun ġejja mill-bejken moqli mal-għaġina li tkun għoliet saret drawwa komuni fil-bidu tas-seklu 20.

Illum il-ġurnata, it-"Tepertős pogácsa" sar parti importanti mill-ikel ta' kuljum u dan il-prodott jisserva wara s-sopop (tal-laħam jew tal-fażola) u jiġi offrut lill-mistednin waqt il-laqgħat u l-konferenzi. Huwa wkoll ikla popolari fost in-nisa tad-dar, speċjalment meta jiġu ċċelebrati avvenimenti tal-familja (tiġijiet, magħmudijiet) jew festi (bħall-Milied u l-Għid). Ħafna drabi jisserva wkoll bħala tnaqqir għal mal-inbid fil-kuntest tal-agrituriżmu (*Hagyományok Ízek Régiók*, ("Togħmiet tradizzjonali reġjonali"), il-Volum I, p. 145–147).

Diversi kotba tar-riċetti wrew ir-reputazzjoni ta' dan il-prodott mill-1880 sal-lum, fosthom il-kotba li ġejjin: Dobos C. József: *Magyar-Franczia szakácskönyv* ("Ktieb tat-tisjir Ungeriż u Franċiż"), p. 784-785, 1881; Rozsnyai Károly: *Legújabb nagy házi cukrászat* ("Il-ħelu domestiku ta' dan l-aħħar"), p. 350, 1905; *Kincses Váncza receptkönyv* ("Il-ktieb tat-tisjir ta' 'Kincses Váncza'"), p. 21, 1920; Az *Új idők második receptkönyve* ("it-tieni volum tal-ktieb tat-tisjir taż-żminijiet tal-lum"), p. 182, 1934; Hajdú Ernőné: *Jaj, mit főzzek* ("X'se nsajjar?"), p. 73, 1941; u Rudnay János: *A magyar cukrászat remekei* ("L-aħjar ħelu Ungeriż"), p. 89, 1973.

1.9. *Rekwiżiti minimi u proċeduri għall-verifika tal-karattru speċifiku*

Karattru speċifiku	Rekwiżiti minimi	Metodu ta' verifika u frekwenza
kontenut ta' xaħam	— 20 sa 30 %, (tal-materja niexfa) — jista' jintuża biss ix-xaħam tal-majjal	F'konformità mad-deskrizzjoni tal-prodott mogħtija fil-punt 3.5, f'laboratorju darba kull sitt xhur.
Qarquċa mill-ġilda tal-majjal mixwi (jew il-krema tagħha)	— għandha tintuża l-qarċuċa tal-ġilda tal-majjal mixwi — għandha tintuża l-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi mingħajr il-ġilda	Abbażi tad-dokumentazzjoni tal-prodott jew tal-iskeda tal-prodott skont il-lottijiet.
ingredjenti	— f'konformità mad-deskrizzjoni tal-prodott mogħtija fil-punt 3.6 (qarċuċa tal-ġilda tal-majjal mixwi, xaħam, dqiq tal-qamħ, bajd, isfar tal-bajd, ħalib, ħmira, inbid abjad jew ħall, krema u bżar u melħ).	Abbażi tad-dokumentazzjoni tal-prodott jew tal-iskeda tal-prodott skont il-lottijiet.
karatteristiċi organolettiċi tal-prodott (kontenut, togħma u aroma)	— konsistenza ta' għaġina tat-torti jew ta' għaġina sfiljurata — togħma u aroma karatteristiċi tal-qarquċa tal-ġilda tal-majjal mixwi u bi ftit bżar	Test organolettiku kull xift.

2. **Awtoritajiet jew korpi għall-verifika tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott**

2.1. *Isem u indirizz*

Isem: Mezőgazdasági Szakigazgatási Hivatal Központ, Élelmiszer- és Takarmánybiztonsági Igazgatóság (L-Uffiċċju Ċentrali tal-Amministrazzjoni Agrikola, id-Direttorat tas-Sikurezza tal-Ikel u tal-Għalf)

Indirizz: 1095 Budapest, Mester u. 81

Numru tat-telefown: 456-30-10

Numru tal-faks: —

Indirizz tal-posta elettronika: oevi@oai.hu

☒ Awtorità pubblika ☐ Awtorità privata

2.2. *Kompiti speċifiċi tal-awtorità jew tal-korp*

L-awtorità ta' verifika tiċċekkja jekk il-prodott jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1145/2013

tat-13 ta' Novembru 2013

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Jerzy PLEWA
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ([1])	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	44,1
	MA	42,2
	MK	28,7
	ZZ	38,3
0707 00 05	AL	40,0
	MK	56,9
	TR	132,8
	ZZ	76,6
0709 93 10	MA	85,3
	TR	166,5
	ZZ	125,9
0805 20 10	MA	66,6
	ZA	148,2
	ZZ	107,4
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	PE	125,0
	SZ	56,1
	TR	78,8
	ZA	157,1
	ZZ	104,3
0805 50 10	TR	68,6
	ZA	74,0
	ZZ	71,3
0806 10 10	BR	251,7
	LB	239,8
	PE	322,3
	TR	167,2
	US	340,0
	ZZ	264,2
0808 10 80	BA	64,2
	NZ	131,4
	US	142,2
	ZA	178,9
	ZZ	129,2
0808 30 90	CN	65,8
	TR	114,2
	ZZ	90,0

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Novembru 2013

dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' reżistenza antimikrobika f'batterji żoonotiċi u kommensali

(notifikata bid-dokument C(2013) 7145)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/652/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 rigward il-monitoraġġ taż-żoonożi u tal-aġenti żoonotiċi, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE u tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE (1), u b'mod partikulari l-Artikolu 7(3) u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2003/99/KE tistipula li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-monitoraġġ jipprovdi dejta komparabbli dwar l-okkorrenza tar-reżistenza antimikrobika (AMR) fl-aġenti żoonotiċi u, sa fejn dawn jippreżentaw theddida għas-saħħa pubblika, aġenti oħrajn.

(2) Id-Direttiva 2003/99/KE tistipula wkoll li l-Istati Membri għandhom jivvalutaw ix-xejriet u s-sorsi tal-AMR fit-territorju tagħhom u ta' kull sena jittrażmettu lill-Kummissjoni rapport li jkopri dejta miġbura f'konformità ma' dik id-Direttiva.

(3) Fil-Komunikazzjoni tal-15 ta' Novembru 2011 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - Pjan ta' Azzjoni kontra t-theddid li qed jiżdied ta' Reżistenza Antimikrobika (2), il-Kummissjoni tipproponi li jiġi stabbilit pjan ta' azzjoni ta' ħames snin biex tiġi miġġielda l-AMR, imsejjes fuq 12-il azzjoni prinċipali, inkluż sistemi ta' sorveljanza tal-AMRaktar b'saħħithom.

(4) Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2012 dwar l-impatt ta' reżistenza antimikrobika fis-settur tas-saħħa tal-bniedem u fis-settur veterinarju - Perspettiva ta' "Saħħa Waħda" (3), dik l-Istituzzjoni tappella lill-Kummissjoni biex tkompli tibni fuq il-Komunikazzjoni tagħha tal-15 ta' Novembru 2011 permezz ta' inizjattivi konkreti sabiex timplimenta it-12-il azzjoni stabbiliti f'dik il-Komunikazzjoni, u biex tikkollabora mill-qrib maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) fit-tisħiħ tal-valutazzjoni u l-evalwazzjoni tal-okkorrenza tal-AMR fil-bniedem, fl-annimali u fl-ikel fl-Unjoni.

(5) Matul is-seduta plenarja tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012, il-Parlament adotta Rapport dwar l-Isfida Mikrobika — Theddid li qed jiżdied mir-Reżistenza Antimikrobika (4). F'dak ir-rapport, il-Parlament jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu bil-pjan ta' azzjoni fuq ħames snin tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-AMR u jqis li l-miżuri rakkomandati fih jeħtieġ li jiġu implimentati mill-aktar fis possibbli. Il-Parlament, b'mod partikulari, jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu għal aktar kooperazzjoni u koordinazzjoni dwar detezzjoni, it-twissija u l-proċeduri kkoordinati ta' rispons f'waqthom fir-rigward ta' batterji patoġeniċi reżistenti għall-antimikrobiċi fil-bniedem, fl-annimali, fil-ħut u fil-prodotti tal-ikel biex ikunu monitorjati kontinwament il-firxa u l-iżvilupp tal-AMR.

(6) Bħala parti mill-Programm Konġunt FAO/WHO tagħha dwar l-Istandard fl-Ikel, il-Kummissjoni Codex Alimentarius adottat, matul l-erbgħa u tletin sessjoni tagħha f'Ġinevra, il-Linji Gwida dwar l-Ananliżi tar-Riksju għar-reżistenza għall-antimikrobiċi ta' oriġini alimentari (5) li

(1) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31.
(2) COM(2011) 748 final.
(3) ĠU C 211, 18.7.2012, p. 2.
(4) ĠU C 77 E, 15.3.2013, p. 20.
(5) CAC/GL 77-2011.

jenfasizzaw l-AMR bħala tħassib ewlieni globali għas-saħħa pubblika u kwistjoni fir-rigward tas-sikurezza tal-ikel. L-użu ta' aġenti antimikrobiċi f'annimali li jipproduċu l-ikel u fl-uċuħ tar-raba' huwa fattur tar-riskju potenzjalment importanti għall-għażla u t-tixrid ta' mikroorganiżmi u determinanti tar-reżistenza għall-antimikrobiċi minn annimali u uċuħ tar-raba' li jittieklu għal ġol-bniedem permezz tal-konsum tal-ikel.

(7) Dawk il-Linji Gwida tal-Codex jikkonkludu fost l-oħrajn li programmi ta' sorveljanza dwar il-prevalenza tar-reżistenza għall-antimikrobiċi ta' oriġini alimentari jagħtu informazzjoni li tkun utli għall-partijiet kollha tal-proċess tal-analiżi tar-riskju tal-AMR. Il-metodoloġija tal-programmi ta' sorveljanza għandha tkun kemm jista' jkun armonizzata internazzjonalment. L-użu ta' metodi ta' ttestjar standardizzati u validati għas-suxxettibilità antimikrobika u ta' kriterji armonizzati għall-interpretazzjoni huma essenzjali biex ikun żgurat li d-dejta tkun komparabbli.

(8) Il-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tal-Annimali (OIE) ([1]) fil-Kapitolu 6.7 tiegħu dwar il-"Programmi dwar is-Sorveljanza u l-Monitoraġġ Nazzjonali Armonizzati dwar l-AMR" jenfasizza l-ħtieġa għas-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-AMR biex ikunu ivvalutati u determinati x-xejriet u s-sorsi tal-AMR fil-batterji, biex ikun hemm detezzjoni meta jfiġġu mekkaniżmi tal-AMR ġodda, biex tingħata d-dejta meħtieġa għat-twettiq ta' analiżi tar-riskji li huma relevanti għas-saħħa tal-annimali u tal-bniedem, biex tingħata bażi għar-rakkomandazzjonijiet tal-politika għas-saħħa tal-annimali u tal-bniedem u biex jingħata tagħrif għall-evalwazzjoni tal-prassijiet dwar il-preskrizzjonijiet antimikrobiċi u għal rakkomandazzjonijiet dwar l-użu prudenti.

(9) Fid-9 ta' Lulju 2008, l-EFSA adottat Opinjoni Xjentifika dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi ta' oriġini alimentari bħala periklu bijoloġiku ([2]). Fit-28 ta' Ottubru 2009, l-ECDC, l-EFSA, l-EMA u l-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Emerġenti għas-Saħħa u dawk Identifikati Reċentement (SCENIHR) ippubblikaw opinjoni xjentifika konġunta dwar ir-reżistenza antimikrobika ffukata fuq l-infezzjonijiet trażmessi lill-bniedem mill-annimali u mill-ikel (żoonosi) ([3]). Fil-5 ta' Marzu 2009, l-EFSA adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tas-sinifikat għas-saħħa pubblika tar-reżistent għall-metiċillina.*Staphylococcus aureus* (MRSA) ([4]). Fis-7 ta' Lulju 2011, l-EFSA adottat opinjoni xjentifika dwar ir-riskji għas-saħħa pubblika tar-razez ta' batterji li jipproduċu β-lattamażi (ESBL) bi spettru estiż u/jew AmpC β-lattamażi (AmpC) fl-ikel u fl-annimali li jipproduċu l-ikel ([5]). Fit-3 ta' Ottubru 2011, l-EFSA adottat rapport tekniku dwar approċċi tal-EFSA fir-rigward tal-evalwazzjoni tar-riskji fil-qasam tar-reżistenza antimikrobika, b'enfasi fuq il-mikroorganiżmi kommensali ([6]). Il-konklużjoni ewlenija ta' dawk l-opinjonijiet u r-rapporti kollha hija li, fid-dawl tat-tħassib li qiegħed jiżdied dwar is-saħħa pubblika fir-rigward tal-AMR, l-użu ta' metodi armonizzati u tal-valuri ta' limitu epidemjoloġiċi huwa meħtieġ biex jiżgura l-komparabbiltà tad-dejta tul iż-żmien fil-livell tal-Istati Membri, u wkoll biex jiġi mħaffef it-tqabbil tal-okkorrenza tal-AMR bejn l-Istati Membri.

(10) Fl-14 ta' Ġunju 2012, l-EFSA ppubblikat rapport xjentifiku dwar speċifikazzjonijiet tekniċi dwar il-monitoraġġ armonizzat u r-rappurtar tar-reżistenza antimikrobali fis-*Salmonella*, il-*Campylobacter* u l-batterji kommensali indikaturi *Escherichia coli u Enterococcus* spp. trażmessi mill-ikel ([7]). Fil-5 ta' Ottubru 2012, l-EFSA ppubblikat rapport xjentifiku dwar speċifikazzjonijiet tekniċi dwar il-monitoraġġ armonizzat u r-rappurtar tar-reżistenza antimikrobika fl-i*Staphylococcus aureus* (MRSA), li huwa reżistetni għall-metiċillina, fl-annimali li jipproduċu l-ikel u fl-ikel ([8]). Dawk ir-rapporti xjentifiċi rrakkomandaw regoli dettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtar armonizzati dwar il-prevalenza ta' mikroorganiżmi reżistenti f'annimali li jipproduċu l-ikel u fl-ikel, b'mod partikolari fir-rigward tal-mikroorganiżmi li għandhom jiġu inklużi, l-oriġini tal-iżolati tal-mikroorganiżmi, l-għadd ta' iżolati li għandhom jiġu ttestjati, it-testijiet għas-suxxettibilità antimikrobika li għandhom jintużaw, il-monitoraġġ speċifiku ta' batterji li jipproduċu l-MRSA jew l-ESBL jew l-AmpC u l-ġbir u l-irrappurtar tad-dejta. L-involviment tal-ECDC f'din il-ħidma se jiżgura t-tqabbil bejn id-dejta dwar l-annimali li jipproduċu l-ikel u s-settur tal-ikel u d-dejta dwar is-settur tal-bniedem.

(11) Skont is-sejbiet ta' dawk ir-rapporti u l-opinjonijiet, meta jaslu biex jiġu ddefiniti l-kombinamenti tal-ispeċi tal-batterji, tal-ispeċi tal-annimali li jipproduċu l-ikel u l-prodotti tal-ikel li għandhom jiġu inklużi fil-monitoraġġ u r-rappurtar armonizzati dwar l-AMR, huwa importanti

([1]) http://www.oie.int
([2]) *EFSA Journal* (2008) 765, 1-87.
([3]) *EFSA Journal* 2009; 7(11):1372.
([4]) *EFSA Journal* (2009) 993, 1-73.
([5]) *EFSA Journal* 2011;9(8):2322.
([6]) *EFSA Journal* 2011;9(10):196.
([7]) *EFSA Journal* 2012;10(6):2742.
([8]) *EFSA Journal* 2012;10(10):2897.

li jiġu prijorizzati dawk li l-iktar huma importanti mill-perspettiva tas-saħħa pubblika. Biex jiġi mminimizzat il-piż, il-monitoraġġ għandu jinkiseb kemm jista' jkun minn kampjuni bijoloġiċi jew mill-iżolati miġbura fil-qafas tal-programmi nazzjonali ta' kontroll li diġà jkunu ġew stabbiliti.

(12) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jistipula li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali tal-kontroll li għandhom jinkludu t-teħid ta' kampjuni għall-ittestjar għas-*Salmonella* spp. fi stadji differenti tal-katina alimentari. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 ([2]) jistabbilixxi l-kriterji mikrobijoloġiċi għal ċerti mikroorganiżmi u r-regoli li l-operaturi ta' negozji fil-qasam tal-ikel għandhom jikkonformaw magħhom. B'mod partikulari, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-operaturi ta' negozji fil-qasam tal-ikel jikkonformaw mar-regoli u l-kriterji stabbiliti f'dak ir-Regolament skont ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Il-monitoraġġ tal-AMR fis-*Salmonella* spp. għandu jiffoka fuq l-iżolati miksuba minn programmi nazzjonali ta' kontroll u mill-ittestjar u l-verifika tal-konformità stabbiliti mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/407/KE ([4]) tistabbilixxi regoli dettaljati għall-monitoraġġ tal-AMR li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri, li jkopru s-*Salmonella* spp. fit-tjur, id-dundjani u l-ħnieżer għall-qatla bejn l-2007 u l-2012. Tali monitoraġġ armonizzat għandu jibqa' għaddej biex tiġi segwita l-evoluzzjoni tax-xejriet u jiġi estiż għall-AMR f'patoġeni u kommensali oħra minħabba t-tħassib li qed jikber fil-qasam tas-saħħa pubblika dwar ir-rwol ta' dawn il-mikroorganiżmi fir-riskju globali tal-AMR imsemmi f'opinjonijiet xjentifiċi. Il-monitoraġġ u r-rappurtar skont l-Artikolu 7 u 9 tad-Direttiva 2003/99/KE għandu għaldaqstant ikun f'konformità mad-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti tekniċi dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar armonizzati tal-AMR, li tqis ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-rapporti tal-EFSA.

(14) Għal raġunijiet ta' ċarezza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, id-Deċiżjoni 2007/407/KE għandha tiġi revokata.

(15) Biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jorganizzaw lilhom infushom u biex jitħaffef l-ippjanar tal-monitoraġġ u tar-rappurtar stipulati f'din id-Deċiżjoni, din għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

(16) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli dettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtar armonizzati tar-reżistenza antimikrobika (AMR) li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7(3) u 9(1) tad-Direttiva 2003/99/KE u l-Anness II(B) u l-Anness IV tiegħu.

Dan il-monitoraġġ u dan ir-rappurtaġġ għandhom ikopru l-batterji segwenti miksuba minn kampjuni minn ċerti popolazzjonijiet ta' annimali li jipproduċu l-ikel u ċertu ikel:

(a) *Salmonella* spp.;

(b) *Campylobacter jejuni u Campylobacter coli* (*C. jejuni* u *C. coli*);

(c) Kommensal indikatur *Escherichia coli* (*E. coli*);

(d) Kommensal indikatur *Enterococcus faecalis u Enterococcus faecium* (*E. faecalis* and *E. faecium*).

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti żoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-prodotti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/407/KE tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar il-monitoraġġ armonizzat tar-reżistenza antimikrobika fis-Salmonella fit-tjur u l-ħnieżer (ĠU L 153, 14.6.2007, p. 26).

2. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għal monitoraġġ u rappurtar armonizzati tas-*Salmonella* spp, u l-*E.coli* li jipproduċu l-enzimi li ġejjin f'ċerti popolazzjonijiet ta' annimali li jipproduċu l-ikel u f'ċertu ikel:

(a) β-Lattamażi bi Spettru Estiż (ESBL);

(b) AmpC β-Lattamażi (AmpC);

(c) Karbapenemażi.

Artikolu 2

Qafas għat-teħid tal-kampjuni u l-ġbir ta' iżolati mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw it-teħid tal-kampjuni għall-monitoraġġ tal-AMR f'konformità mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fil-Parti A tal-Anness.

2. L-Istati Membri għandhom jiġbru iżolati rappreżentattivi tal-batterji segwenti f'konformità mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fil-parti A tal-Anness:

(a) *Salmonella* spp.;

(b) *C. jejuni*;

(c) Kommensal indikatur *E. coli*; u

(d) *Salmonella* spp. u *E. coli* li jipproduċu l-ESBL, l-AmpC jew il-karbapenemażi.

3. L-Istati Membri jistgħu jiġbru iżolati rappreżentattivi tal-batterji segwenti sakemm jagħmlu dan f'konformità mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fil-parti A tal-Anness;

(a) *C. Coli*;

(b) Kommensali indikaturi *E. faecalis u E. faecium*.

Artikolu 3

Iżolati tas-*Salmonella* spp. miksuba minn operaturi tan-negozju fil-qasam tal-ikel

Fejn, minħabba l-prevalenza batterika baxxa, jew minħabba għadd żgħir ta' unitajiet epidermjoloġiċi fi Stat Membru, l-għadd minimu ta' iżolati tas-*Salmonella* spp. miġbura mill-awtorità kompetenti waqt kontrolli uffiċjali skont il-punt 1(a) tal-Parti A tal-Anness ma jkunx biżżejjed biex jintlaħaql-għadd minimu meħtieġ ta' iżolati li għandhom jiġu ttestjati għas-suxxettibilità antimikrobika, l-awtorità kompetenti tista' tuża iżolati miksuba minn operaturi tan-negozju fil-qasam tal-ikel sakemm tali iżolati jinkisbu mill-operatur tan-negozju fil-qasam tal-ikel f'konformità mad-dispożizzjonijiet segwenti:

(a) il-programm nazzjonali ta' kontroll stipulat fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003:

(b) il-kriterji tal-proċess tal-iġjene stabbilit fil-punti 2.1.3, 2.1.4 u 2.1.5 tal-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005.

Artikolu 4

Analiżi minn laboratorji nazzjonali ta' referenza

1. Laboratorji nazzjonali ta' referenza għall-AMR għandhom iwettqu l-analiżi segwenti:

(a) l-ittestjar għas-suxxettibilità antimikrobika tal-iżolati stabbiliti fil-punti 2 u 3 tal-Parti A tal-Anness;

(b) il-monitoraġġ speċifiku ta' *Salmonella* spp. u l-*E. coli* li jipproduċu l-ESBL jew l-AmpC jew il-karbapenemażi stabbiliti fil-punt 4 tal-Parti A tal-Anness.

2. L-awtorità kompetenti tista' tagħżel laboratorji oħra minbarra laboratorju nazzjonali ta' referenza għall-AMR f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 biex iwettaq l-analiżi stipulata fil-paragrafu 1.

Artikolu 5

Valutazzjoni u rappurtar

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-AMR stipulat fl-Artikoli 2 u 3 u jinkludu dik il-valutazzjoni fir-rapport dwar ix-xejriet u s-sorsi taż-żoonożi, l-aġenti żoonotiċi u r-reżistenza antimikrobika stipulata fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2003/99/KE.

Artikolu 6

Pubblikazzjoni u l-kunfidenzjalità tad-dejta

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għandha tippubblika, f'konformità mal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2003/99/KE, Id-dejta dwar ir-reżistenza antimikrobika kwantitattiva nazzjonali ibbażata fuq l-iżolati u R-riżultati tal-analiżi rappurtati f'konformità mal-Artikolu 4.

Artikolu 7

Revoka

Id-Deċiżjoni 2007/407/KE hija b'dan revokata.

Artikolu 8

Applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Artikolu 9

Indirizzati

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

REKWIŻITI TEKNIĊI

IL-PARTI A

QAFAS GĦAT-TEĦID TA' KAMPJUNI U ANALIŻI

1. **Oriġini tal-iżolati**

L-Istati Membri għandhom jiġbru iżolati rappreżentattivi għall-monitoraġġ tal-AMR tal-anqas minn kull waħda mill-popolazzjonijiet segwenti tal-annimali u kategoriji tal-ikel:

(a) Iżolati mis-*Salmonella* spp.:

(i) kull popolazzjoni ta' tiġieġ tal-bajd, tiġieġ tas-simna, u dundjani tas-simna li ttieħdu bħala kampjun fil-qafas tal-programmi nazzjonali ta' kontroll, stabbilit f'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003;

(ii) karkassi kemm ta' tiġieġ tas-simna kif ukoll ta' dundjani tas-simna meħudin bħala kampjun għall-ittestjar u l-verifika ta' konformità, f'konformità mal-punt 2.1.5 tal-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005;

(iii) karkassi ta' ħnieżer tas-simna meħudin bħala kampjun għall-ittestjar u l-verifika ta' konformità, f'konformità mal-punt 2.1.4 tal-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005;

(iv) karkassi ta' bovini li għandhom inqas minn sena fejn il-produzzjoni tal-laħam ta' dawk il-bovini fl-Istat Membru taqbeż l-10 000 tunnellata maqtula fis-sena fil-kampjuni għall-eżaminar u l-verifika ta' konformità, f'konformità mal-punt 2.1.3 tal-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005.

(b) Iżolati *C. jejuni* minn kampjuni mill-musrana l-għamja miġbura waqt il-qatla minn tiġieġ tas-simna u minn dundjani tas-simna fejn il-produzzjoni ta' laħam tad-dundjan fl-Istat Membru taqbeż l-10 000 tunnellata maqtula fis-sena.

(c) Iżolati ta' kommensal indikatur *E. coli* minn:

(i) kampjuni mill-musrana l-għamja miġbura waqt il-qatla minn tiġieġ tas-simna u minn dundjani tas-simna fejn il-produzzjoni ta' laħam tad-dundjan fl-Istat Membru taqbeż l-10 000 tunnellata maqtula fis-sena;

(ii) kampjuni mill-musrana l-għamja miġbura waqt il-qatla minn ħnieżer tas-simna u bovini fejn il-produzzjoni tal-laħam ta' dawk il-bovini fl-Istat Membru taqbeż l-10 000 tunnellata maqtula fis-sena.

(d) *E. coli* li jipproduċu l-ESBL, l-AmpC jew il-karbapenemażi minn:

(i) kampjuni mill-musrana l-għamja miġbura waqt il-qatla minn tiġieġ tas-simna u minn dundjani tas-simna fejn il-produzzjoni ta' laħam tad-dundjan fl-Istat Membru taqbeż l-10 000 tunnellata maqtula fis-sena;

(ii) kampjuni mill-musrana l-għamja miġbura waqt il-qatla minn ħnieżer tas-simna u bovini fejn il-produzzjoni tal-laħam ta' dawk il-bovini fl-Istat Membru taqbeż l-10 000 tunnellata maqtula fis-sena;

(iii) kampjuni ta' laħam frisk ta' tiġieġ tas-simna, laħam tal-ħnieżer u laħam bovin miġbura fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut.

(e) Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jittestja C. *coli* f'konformità mal-Artikolu 2(3)(a), iżolati minn:

(i) kampjuni tal-musrana l-għamja miġbura waqt il-qatla minn tiġieġ tas-simna;

(ii) kampjuni tal-musrana l-għamja miġbura waqt il-qatla minn ħnieżer tas-simna.

(f) Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jittestja *E. faecalis u E. faecium* f'konformità mal-Artikolu 2(3)(b), iżolati minn:

(i) kampjuni mill-musrana l-għamja miġbura waqt il-qatla minn tiġieġ tas-simna u minn dundjani tas-simna fejn il-produzzjoni ta' laħam tad-dundjan fl-Istat Membru taqbeż l-10 000 tunnellata maqtula fis-sena;

(ii) kampjuni mill-musrana l-għamja miġbura waqt il-qatla minn ħnieżer tas-simna u bovini fejn il-produzzjoni tal-laħam ta' dawk il-bovini fl-Istat Membru taqbeż l-10 000 tunnellata maqtula fis-sena.

Iżolati miksuba mill-Istat Membru minn oriġini oħra għajr dawk imsemmija fil-punti (a) sa (f), jistgħu jiġu ttestjati għall-AMR mill-awtorità kompetenti fuq bażi volontarja u miżmuma separatament meta jiġu rrappurtati f'konformità mal-punt 2 tal-Parti B tal-Anness. Madankollu, meta jitwettqu tali testijiet għall-AMR, japplikaw ir-rekwiżiti tekniċi speċifiċi tal-punti 3, 4 u 5.

2. Il-frekwenza tat-teħid tal-kampjuni, id-daqs u d-disinn

2.1. *Il-frekwenza tat-teħid tal-kampjuni*

Kull sentejn l-Istati Membri għandhom iwettqu l-ġbir ta' kampjuni u l-ittestjar għas-suxxettibilità antimikrobika stipulati fl-Artikolu 2 sa 4 ta' kull kombinament tal-ispeċi batterika u t-tip ta' kampjun ta' popolazzjonijiet tal-annimali jew kategoriji tal-ikel elenkati fil-punt 1 ta' din il-Parti u l-monitoraġġ speċifiku ta' *Salmonella* spp. u *E. coli* li jipproduċu l-ESBL, jew l-AmpC jew il-karbapenemażi f'konformità mal-punt 4 ta' din il-Parti f'konformità mas-sistema ta' rotazzjoni segwenti:

(a) Fis-snin 2014, 2016, 2018 u 2020 għat-tiġieġ tal-bajd, it-tiġieġ tas-simna u l-laħam frisk tagħhom, u d-dundjani tas-simna. Madankollu, il-monitoraġġ speċifiku tal-kommensal indikatur *E. coli* li jipproduċi l-ESBL jew l-AmpC jew il-karbapenemażi f'konformità mal-punt 4.1 m'għandux ikun obbligatorju fis-sena 2014;

(b) Fis-snin 2015, 2017 u 2019, għall-ħnieżer, il-bovini li għandhom inqas minn sena, laħam tal-ħnieżer u laħam tal-bovini.

2.2. *Daqs tal-kampjun*

l-Istati Membri għandhom jittestjaw 170 iżolat għall-ittestjar għas-suxxettibilità antimikrobika għal kull kombinament tal-ispeċi batterika u t-tip ta' kampjun ta' popolazzjoni tal-annimali jew kategorija tal-ikel elenkati fil-punt 1(a), (b), (c), (e) u (f). Madanakollu, fl-Istati Membri bi produzzjoni ta' inqas minn 100 000 tunnellata ta' laħam tat-tjur maqtula kull sena u inqas minn 100 000 tunnellata ta' laħam tal-ħnieżer maqtula kull sena ([1]), dawn għandhom jittestjaw 85 iżolat minflok 170 iżolat għal kull kombinament speċifiku korrispondenti.

F'dawk l-Istati Membri fejn, fi kwalunkwe sena, numru akbar ta' iżolati għal ċerti kombinamenti tal-ispeċi batterika u t-tip ta' kampjun ta' popolazzjoni tal-annimali u kategorija ta' ikel elenkati fil-punt 1(a), (b), (c), (e) u (f) hija disponibbli, l-iżolati kollha jew għażla rappreżentattiva aleatorja daqs jew ikbar mill-għadd ta' iżolati meħtieġa f'konformità mal-ewwel paragrafu, għandhom jiġu inklużi fl-ittestjar għas-suxxettibilità antimikrobika.

F'dawk l-Istati Membri fejn, minħabba prevalenza batterika baxxa jew għadd żgħir ta' unitajiet epidemjoloġiċi, f'kull sena, l-għadd ta' iżolati meħtieġa f'konformità mal-ewwel paragrafu għal ċerti kombinamenti tal-ispeċi batterika u t-tip ta' kampjun ta' popolazzjoni tal-annimali jew kategorija tal-ikel elenkati fil-punt 1(a), (b), (c), (e) u (f), ma jkunx jista' jinkiseb, l-iżolati kollha disponibbli fi tmiem il-perjodu ta' monitoraġġ għandhom ikunu inklużi fl-ittestjar ta' suxxettibilità antimikrobika.

Għall-monitoraġġ speċifiku tal-kommensal indikatur *E. coli* li jipproduċu l-ESBL jew l-AmpC jew il-karbapenemażi stabbiliti fil-punt 4.1, l-Istati Membri għandhom janalizzaw 300 kampjun ta' kull popolazzjoni tal-annimali u kategorija tal-ikel, elenkati fil-punt 1(d). Madanakollu, fl-Istati Membri bi produzzjoni ta' inqas minn 100 000 tunnellata ta' laħam tat-tjur maqtula kull sena, inqas minn 100 000 tunnellata ta' laħam tal-ħnieżer maqtula kull sena u inqas minn 50 000 tunnellata ta' laħam tal-bovini maqtula kull sena ([2]) l-Istat Membru għandu janalizza 150 iżolat minflok 300 iżolat għal kull kombinament speċifiku korrispondenti.

([1]) Skont l-iktar dejta reċenti disponibbli mill-Eurostat (http://epp.eurostat.ec.europa.eu).
([2]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.

2.3. *Disinn tat-teħid ta' kampjuni*

Iżolati li huma ttestjati għas-suxxettibilità antimikrobika kif stipulat fl-Artikolu 2 għandhom jinkisbu minn programmi ta' monitoraġġ, ibbażati fuq kampjuni aleatorji tad-disinn. L-iżolati batteriċi msemmija fl-Artikolu 2 għandhom joriġinaw minn unitajiet epidemjoloġiċi magħżula aleatorjament fil-biċċeriji. Fejn annimali morda jiġu inklużi f'kampjun, ir-riżultat tal-ittestjar għas-suxxettibilità antimikrobika għandu jinżamm separatament meta jiġi rrappurtat f'konformità mal-punt 2 tal-Parti B.

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura l-aleatorjità tal-iskema tat-teħid tal-kampjuni u l-implimentazzjoni tajba tagħha.

Fil-każ ta' teħid ta' kampjuni f'biċċeriji kif stipulat fil-punt 1 tal-Parti A, it-teħid ta' kampjuni għandu jitwettaq f'biċċeriji li jipproċessaw mill-inqas 60 % tal-popolazzjoni tal-annimali domestiċi speċifiċi fl-Istat Membru, u l-ewwel għandhom jiġu dawk il-biċċeriji li l-iktar jipproċessaw.

Fil-monitoraġġ stipulat għal din id-Deċiżjoni m'għandux jiġi inkluż iktar minn iżolat wieħed għal kull speċi ta' batterja mill-istess unità epidemjoloġika kull sena. L-unità epidemjoloġika għat-tiġieġ tal-bajd, it-tiġieġ tas-simna, id-dundjani tas-simna tkun iil-qatgħa. Għall-ħnieżer tas-simna u bovini li għandhom inqas minn sena, l-unità epidomjoloġika għandha tkun l-azjenda.

2.3.1. Teħid ta' kampjuni rappreżentattiv ta' kampjuni waqt il-qatla

It-teħid aleatorju tal-kampjuni għandu jkun stratifikat għal kull biċċerija billi jiġi allokat l-għadd ta' kampjuni minn annimali prodotti domestikament miġbura għal kull biċċerija proporzjonalment għal ammont ta' proċessar annwali tal-biċċerija.

Il-kampjuni miġbura waqt il-qatla għandhom jiġu mqassma indaqs fuq kull xahar tas-sena biex b'hekk jiġu koperti l-istaġuni differenti.

Biex jitqies bħala ragruppament, jinġabar kampjun rappreżentattiv wieħed biss tal-kontenut tal-musrana l-għamja għal kull unità epidemjoloġika, miksub jew minn karkassa waħdanija inkella minn għadd ta' karkassi.. Inkella t-teħid tal-kampjuni jkun ibbażat fuq għażla aleatorja rigward il-jiem tat-teħid tal-kampjuni kull xahar u rigward liema lottijiet għandhom jingħażlu għat-teħid ta' kampjuni f'jum magħżul.

L-għadd ta' kampjuni bijoloġiċi li għandhom jinġabru skont il-punt 1(a), (b), (c), (e) u (f) tal-Parti A għandua jiġi determinat biex jinkiseb l-għadd meħtieġ ta' iżolati permezz tal-kontabbiltà għall-prevalenza ta' speċi ta' batterji monitorjati.

2.3.2. Ġbir ta' iżolati rappreżentattivi tas-*Salmonella* spp. miġbura fil-qafas tal-programmi nazzjonali ta' kontroll għas-*Salmonella* spp. f'popolazzjonijiet tal-annimali relevanti u fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005

Ittestjar għas-suxxettibilità antimikrobika għandu jitwettaq għal mhux aktar minn iżolat wieħed għal kull serotip tas-*Salmonella* mill-istess unità epidemjoloġika kull sena.

Fejn l-għadd tal-iżolati tas-Salmonella disponibbli kull sena għal kull popolazzjoni tal-annimali fl-Istat Membru huwa ogħla mill-għadd ta' iżolati meħtieġa skont il-punt 2.2, għażla aleatorja ta' mill-inqas 170 jew 85 iżolat għandhom jitwettqu mill-ġbir ta' iżolati disponibbli kull sena fl-Istat Membru, b'mod li tkun żgurata r-rappreżentanza ġeografika u d-distribuzzjoni bilanċjata tad-data tat-teħid tal-kampjuni tul is-sena. Għall-kuntrarju, fil-każ ta' prevalenza baxxa, l-iżolati kollha tas-*Salmonella* disponibbli għandhom jiġu ttestjati għas-suxxettibilità.

2.3.3. Ġbir ta' kampjuni waqt l-istadju tal-bejgħ bl-imnut

l-Istati Membri għandhom jiġbru kampjuni każwali fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut ta' laħam frisk tat-tiġieġ tas-simna, laħam tal-ħnieżer u laħam tal-bovini mingħajr għażla minn qabel tal-kampjuni bbażata fuq l-oriġini tal-ikel.

3. **Antimikrobiċi għall-ittestjar għas-suxxettibilità, il-valuri ta' limitu epidemjoloġiċi u l-firxa ta' konċentrazzjoni li għandhom jintużaw għall-ittestjar għas-suxxettibilità antimikrobiku tal-iżolati**

L-Istati Membri għandhom jittestjaw l-antimikrobiċi u jinterpretaw ir-riżultati bl-użu tal-valuri ta' limitu epidemjoloġiċi u l-firxiet ta' konċentrazzjoni li huma stabbiliti fit-Tabelli 1, 2 u 3, biex tkun determinata s-suxxettibilità tas-*Salmonella* spp., *C. coli, C. jejuni,* il-kommensal indikatur *E. coli, E. faecalis u E. faecium.*

Metodi ta' dilwizzjoni għandhom jitwettqu skont il-metodi deskritti mill-Kumitat Ewropew dwar it-Testijiet tas-Suxxettibbiltà Antimikrobika (EUCAST) u l-Istitut tal-Istandards Kliniċi u tal-Laboratorju (CLSI), adotat bħala l-metodu ta' referenza internazzjonali (ISO standard 20776-1: 2006).

Tabella 1

Għażla ta' sustanzi antimikrobiċi li għandhom jiġu inklużi fil-monitoraġġ tal-AMR, il-livelli limiti tal-EUCAST għar-reżistenza u fil-firxiet ta' konċentrazzjoni li għandhom jiġu ttestjati fis-*Salmonella* spp. u l-kommensal indikatur *E. coli* (L-ewwel għażla)

Antimikrobika	Speċi	Livelli limiti interpretattiva tal-AMR (mg/L)		Firxa tal-konċentrazzjonijiet (mg/L) (Nru ta' bjar fil-parenteżi)
		ECOFF ([a])	Valur kritiku kliniku ([b])	
Ampiċillina	*Salmonella*	> 8	> 8	1-64 (7)
	E.coli	> 8	> 8	
Ċefotaksim	*Salmonella*	> 0,5	> 2	0,25-4 (5)
	E.coli	> 0,25	> 2	
Ċeftazidim	*Salmonella*	> 2	> 4	0,5-8 (5)
	E.coli	> 0,5	> 4	
Meropenem	*Salmonella*	> 0,125	> 8	0,03-16 (10)
	E. coli	> 0,125	> 8	
Aċidu nalidissiku	*Salmonella*	> 16	Mhux disponibbli	4-128 (6)
	E. coli	> 16	Mhux disponibbli	
Ċiprofloksaċina	*Salmonella*	> 0,064	> 1	0,015-8 (10)
	E. coli	> 0,064	> 1	
Tetraċiklina	*Salmonella*	> 8	Mhux disponibbli	2-64 (6)
	E. coli	> 8	Mhux disponibbli	
Kolistina	*Salmonella*	> 2	> 2	1-16 (5)
	E. coli	> 2	> 2	
Ġentamiċina	*Salmonella*	> 2	> 4	0,5-32 (7)
	E. coli	> 2	> 4	
Trimetoprima	*Salmonella*	> 2	> 4	0,25-32 (8)
	E. coli	> 2	> 4	
Sulfametoksazol	*Salmonella*	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli	8-1 024 (8)
	E. coli	> 64	Mhux disponibbli	
Kloramfenikol	*Salmonella*	> 16	> 8	8-128 (5)
	E. coli	> 16	> 8	
Azitromiċina	*Salmonella*	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli	2-64 (6)
	E. coli	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli	
Tigeċikclina	*Salmonella*	> 1 (*)	> 2 (*)	0,25-8 (6)
	E.coli	> 1	> 2	

([a]) Il-valuri ta' limitu epidemjoloġiċi tal-EUCAST.
([b]) Valur ta' limitu kliniku ta' reżistenza tal-EUCAST.
(*) Dejta mill-EUCAST disponibbli għas-*Salmonella* Enteriditis, Typhimurium, Typhi u Paratyphi.
Mhux disponibbli: mhux disponibbli.

Tabella 2

Għażla ta' sustanzi antimikrobiċi li għandhom jiġu inklużi fil-monitoraġġ tal-AMR, il-livelli limiti interpretattivi tal-EUCAST għar-reżistenza u fil-firxiet ta' konċentrazzjoni li għandhom jiġu ttestjati fis-*C. jejuni* and *C. coli*

Antimikrobika	Speċi	Livelli limiti interpretattiva tal-AMR (mg/L)		Firxa tal-konċentrazzjoni (mg/L) (Nru ta' bjar fil-parenteżi)
		ECOFF ([a])	Valur tal-limitu kliniku ([b])	
Eritromiċina	*C. jejuni*	> 4	> 4	1-128 (8)
	C. coli	> 8	> 8	
Ċiprofloksaċina	*C. jejuni*	> 0,5	> 0,5	0,12-16 (8)
	C. coli	> 0,5	> 0,5	
Tetraċiklina	*C. jejuni*	> 1	> 2	0,5-64 (8)
	C. coli	> 2	> 2	
Ġentamiċina	*C. jejuni*	> 2	Mhux disponibbli	0,12-16 (8)
	C. coli	> 2	Mhux disponibbli	
Aċidu nalidissiku	*C. jejuni*	> 16	Mhux disponibbli	1-64 (7)
	C. coli	> 16	Mhux disponibbli	
Streptomiċina ([c])	*C. jejuni*	> 4	Mhux disponibbli	0,25-16 (7)
	C. coli	> 4	Mhux disponibbli	

([a]) Il-valuri ta' limitu epidemjoloġiċi tal-EUCAST.
([b]) Valur ta' limitu kliniku ta' reżistenza tal-EUCAST.
([c]) Fuq bażi volontarja.
Mhux disponibbli: mhux disponibbli.

Tabella 3

Għażla ta' sustanzi antimikrobiċi li għandhom jiġu inklużi fil-monitoraġġ tal-AMR, il-livelli limiti tal-EUCAST għar-reżistenza u l-firxiet ta' konċentrazzjoni li għandhom jiġu ttestjati fl-*E. faecalis* u l-*E. faecium*

Antimikrobika	Speċi	Livelli limiti interpretattiva tal-AMR (mg/L)		Firxa tal-konċentrazzjonijiet (mg/L) (Nru ta' bjar fil-parenteżi)
		ECOFF ([a])	Valur tal-limitu kliniku ([b])	
Ġentamiċina	*E. faecalis*	> 32	Mhux disponibbli	8-1 024 (8)
	E. faecium	> 32	Mhux disponibbli	
Kloramfenikol	*E. faecalis*	> 32	Mhux disponibbli	4-128 (6)
	E. faecium	> 32	Mhux disponibbli	
Ampiċillina	*E. faecalis*	> 4	> 8	0,5-64 (8)
	E. faecium	> 4	> 8	
Vankomiċina	*E. faecalis*	> 4	> 4	1-128 (8)
	E. faecium	> 4	> 4	
Tejkoplanina	*E. faecalis*	> 2	> 2	0,5-64 (8)
	E. faecium	> 2	> 2	

Antimikrobika	Speċi	Livelli limiti interpretattiva tal-AMR (mg/L)		Firxa tal-konċentrazzjonijiet (mg/L) (Nru ta' bjar fil-parenteżi)
		ECOFF ([a])	Valur tal-limitu kliniku ([b])	
Eritromiċina	*E. faecalis*	> 4	Mhux disponibbli	1-128 (8)
	E. faecium	> 4	Mhux disponibbli	
Kinupristina/Dalfopristina	*E. faecalis*	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli	0,5-64 (8)
	E. faecium	> 1	> 4	
Tetraċiklina	*E. faecalis*	> 4	Mhux disponibbli	1-128 (8)
	E. faecium	> 4	Mhux disponibbli	
Tigeċiklina	*E. faecalis*	> 0,25	> 0,5	0,03-4 (8)
	E. faecium	> 0,25	> 0,5	
Lineżolid	*E. faecalis*	> 4	> 4	0,5-64 (8)
	E. faecium	> 4	> 4	
Daptomiċina	*E. faecalis*	> 4	Mhux disponibbli	0,25-32 (8)
	E. faecium	> 4	Mhux disponibbli	
Ċiprofloksaċina	*E. faecalis*	> 4	Mhux disponibbli	0,12-16 (8)
	E. faecium	> 4	Mhux disponibbli	

([a]) Il-valuri ta' limitu epidemjoloġiċi tal-EUCAST.
([b]) Valur ta' limitu kliniku ta' reżistenza tal-EUCAST.
Mhux disponibbli: mhux disponibbli.

4. **Monitoraġġ speċifiku ta' *Salmonella* spp. u *E. coli* li jipproduċu l-ESBL jew l-AmpC jew il-karbapenemażi**

4.1. *Il-metodu għad-detezzjoni ta' E. coli li jipproduċu l-ESBL jew l-AmpC jew il-karbapenemażi fit-tiġieġ tas-simna, fid-dundjani tas-simna, fil-ħnieżer tas-simna, fil-bovini li għandhom inqas minn sena u laħam frisk ta' tiġieġ tas-simna, laħam tal-ħnieżer u laħam tal-bovini*

Għall-għan biex jiġi stmat il-proporzjon ta' kampjuni li fihom *E. coli* li jipproduċi l-ESBL jew l-AmpC jew il-karbapenemażi fost il-kampjuni mill-musrana l-għamja miġbura minn tiġieġ tas-simna, dundjani tas-simna, ħnieżer tas-simna, bovini li għandhom inqas minn sena, laħam frisk tat-tiġieġ tas-simna, laħam tal-ħnieżer u laħam tal-bovini f'konformità mal-punt 1(d) ta' din il-Parti, il-metodu segwenti għandu japplika.

Għad-detezzjoni ta' *E. coli* li jipproduċu l-ESBL jew l-AmpC il-metodu għandu jibda permezz ta' stadju ta' tisħieħ minn qabel, segwit b'inokulazzjoni fuq agar McConkey li jkun fih ċefalosporina tat-tielet ġenerazzjoni f'konċentrazzjoni selettiva skont l-aħħar verżjoni tal-protokoll dettaljat għall-istandardizzazzjoni tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għar-Reżistenza Antimikrobika ([3]). L-ispeċi mikrobika *E. coli* għandha tiġi identifikati permezz ta' metodu xieraq.

L-Istat Membru jista' jiddeċiedi, abbażi taċ-ċirkostanzi epidemjoloġiċi, li jittestjat b'mod parallel platt addizzjonali selettiv li jtellef it-tkabbir ta' *E. coli* li jipproduċu l-AmpC biex titħaffef id-detezzjoni speċifika ta' *E. coli* li jipproduċu l-ESBL. Meta tintuża din il-possibbiltà, ir-riżultati tal-platt selettiv addizzjonali li jtellef it-tkabbir ta' *E. coli* li jipproduċu l-AmpC għandhom jinżammu separatament meta jiġu rrappurtati skont il-punt 2 tal-Parti B.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jkun hemm detezzjoni ta' mikro-organiżmi li jipproduċu l-karbapenemażi permezz tal-użu tat-tisħiħ minn qabel selettiv u t-tqegħid fi platt selettiv sussegwenti fuq midja li jkun fiha il-karbapenem, skont il-verżjoni l-aktar reċenti tal-protokoll dettaljati għall-istandardizzazzjoni tal-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-AMR ([4]).

Iżolat wieħed preżuntiv ta' *E. coli* li jipproduċu l-ESBL, l-AmpC jew il-karbapenemażi miksub minn kull kampjun pożittiv mill-musrana l-għamja u kampjun tal-laħam għandhom jiġu ttestjatji fuq l-ewwel għażla ta' antimikrobiċi f'konformità mat-Tabella 1 u wara sottomessi għal ittestjar estiż għas-suxxettibilità kif stabbilit fil-punt 4.2 jekk ikunu reżistenti għall-cefotaxime jew iċ-ċeftazidim jew il-meropenem abbażi tal-kritetji interpretattivi (valuri ta' limitu epidemjoloġiċi) elenkati f'Tabella 1.

([3]) www.crl-ar.eu
([4]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

4.2. *Metodu għall-karatterizzazzjoni u l-klassifikazzjoni ta' iżolati tas-Salmonella spp. u E. coli li juru reżistenza għaċ-Ċefalosporinas jew il-meropenem tat-tielet ġenerazzjoni*

L-iżolati preżuntivi kollha ta' *E. coli* li jipproduċu l-ESBL jew l-AmpC jew il-karbapenemażi identifikati permezz tat-tqegħid selettiv fi platti deskritt fil-punt 4.1 kif ukoll dawk l-iżolati tas-*Salmonella* spp. u l-*E. coli* magħżula b'mod aleatorju li wara l-ittestjar mal-ewwel għażla ta' antimikrobiċi f'konformità mat-Tabella 1, ikunu reżistenti għall-cefotaxime jew il-ceftazidime jew il-meropenem, għandhom jiġu ttestjati iktar bit-tieni għażla ta' sustanzi antimikrobiċi f'konformità mat-Tabella 4. Din l-għażla tinkludi test tas-sinerġija taċ-ċefoksitina, iċ-ċefepim u l-klavulanat flimkien mal-cefotaxime u l-ceftazidime għad-detezzjoni ta' produzzjoni ta' ESBL u AmpC. Barra minn hekk, it-tieni għażla fiha wkoll l-imipenem, il-meropenem u l-ertapenem biex tkun verifikata b'mod fenotipiku il-produtturi preżuntivi tal-karbapenemażi.

Tabella 4

Għażla ta' sustanzi antimikrobiċi, il-valuri ta' limitu epidemjoloġiċi tal-EUCAST (ECOFFs) u valuri kritiċi kliniċi u firxiet tal-konċentrazzjoni li għandhom jintużaw biex jiġu ttestjati biss iżolati tas-*Salmonella* spp. u l-kommensal indikatur *E. coli* reżistenti għall-cefotaxime jew iċ-ċeftazidim jew il-meropendem — (It-tieni għażla)

Antimikrobika	Speċi	Livelli limiti interpretattiva tal-AMR (mg/L)		Firxa tal-konċentrazzjonijiet (mg/L) (Nru ta' bjar fil-parenteżi)
		ECOFF ([a])	Valur kritiku kliniku ([b])	
Ċefoksitina	*Salmonella*	> 8	Mhux disponibbli	0,5-64 (8)
	E. coli	> 8	Mhux disponibbli	
Ċefepim	*Salmonella*	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli	0,06-32 (10)
	E. coli	> 0,125	> 4	
Ċefotaksim + aċidu klavaliniku (*)	*Salmonella*	Mhux disponibbli (**)	Mhux disponibbli (**)	0,06-64 (11)
	E. coli	Mhux disponibbli (**)	Mhux disponibbli (**)	
Ċeftazidim + aċidu klavaliniku (*)	*Salmonella*	Mhux disponibbli (**)	Mhux disponibbli (**)	0,125-128 (11)
	E. coli	Mhux disponibbli (**)	Mhux disponibbli (**)	
Meropenem	*Salmonella*	> 0,125	> 8	0,03-16 (10)
	E. coli	> 0,125	> 8	
Temoċillina	*Salmonella*	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli	0,5-64 (8)
	E. coli	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli	
Imipenem	*Salmonella*	> 1	> 8	0,12-16 (8)
	E. coli	> 0,5	> 8	
Ertapenem	*Salmonella*	> 0,06	> 1	0,015-2 (8)
	E. coli	> 0,06	> 1	
Ċefotaksim	*Salmonella*	> 0,5	> 2	0,25-64 (9)
	E. coli	> 0,25	> 2	
Ċeftazidim	*Salmonella*	> 2	> 4	0,25-128 (10)
	E. coli	> 0,5	> 4	

([a]) Il-valuri ta' limitu epidemjoloġiċi tal-EUCAST.
([b]) Valuri kritiċi kliniċi ta' reżistenza tal-EUCAST.
Mhux disponibbli: mhux disponibbli.
(*) 4 mg/L clavulanic acid.
(**) Il-valuri għandhom jiġu mqabbla mal-valuri ta' Cefotaxime u Ceftazidime u interpretati skont linji gwida tas-CLSI jew tal-EUCAST rigward l-ittestjar tas-sinerġija.

4.3. *Metodu kwatitattiv għall-valutar tal-proporzjon ta' E. coli li jipproduċu l-ESBL jew l-AmpC*

l-Istati Membri, b'mod speċjali l-Istati Membri li jkunu sabu prevalenza għolja ta' *E. coli* li jipproduċu l-ESBL jew l-AmpC permezz tal-metodu ta' detezzjoni stabbilit fil-punt 4.1, jistgħu jikkaratterizzaw il-proporzjon ta' *E. coli* li jipproduċu l-ESBL jew l-AmpC fil-popolazzjoni kollha ta' *E. coli*.

Dan għandu jsir billi jingħata numru lill-*E. coli* li jipproduċu l-ESBL jew l-AmpC u l-*E. coli* totali preżenti f'kampjun bl-użu ta' metodi ta' dilwizzjoni u t-tqegħid sussegwenti fuq platt fuq midja selettivi u mhux selettivi, skont il-verżjoni l-aktar reċenti tal-protokoll dettaljati tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għar-Reżistenza Antimikrobika ([5]).

5. **Il-kontroll tal-kwalità u l-ħażna tal-iżolati**

Il-laboratorji deżinjati mill-awtorità kompetenti biex iwettqu l-ittestjar għas-suxxettibilità antimikrobika tal-iżolati inklużi fil-programm ta' monitoraġġ armonizzat, għandhom ikunu involuti f'sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità inkluż test ta' profiċjenza stabbiliti jew fil-livell nazzjonali inkella tal-Unjoni, fl-identifikazzjoni, l-ittestjar tat-tip u għas-suxxettibilità tal-batterja fil-mira permezz tal-monitoraġġ armonizzat tal-AMR.

L-iżolati għandhom jinħażnu fil-laboratorji nazzjonali ta' referenza għall-AMR f'temperatura ta' - 80 °C għal perjodu minimu ta' ħames snin. Metodi oħra ta' ħażna jistgħu inkella jintużaw sakemm tiġi żgurata l-vijabbiltà u n-nuqqas ta' bidliet fil-proprjeatjiet tal-ispeċi.

IL-PARTI B

RAPPURTAR

1. **Dispożizzjonijiet ġenerali għar-rappurtar tad-dejta**

Fejn il-monitoraġġ tal-AMR jitwettaq mill-awtorità kompetenti minn iżolati miksuba mill-awtorità kompetenti fl-istadju l-oħrajn tal-katina tal-ikel minn dawk imsemmija fil-punt 1 tal-Parti A, iżda f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fil-punti 3, 4 u 5 tal-Parti A, ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ tal-AMR għandha tiġi rrappurtata skont il-punt 2 ta' din il-Parti iżda għandhom jinżammu rappurtati separatament u dan mhux se jbiddel l-għadd ta' iżolati li għandhom jiġu ttestjati skont il-punt 2 tal-Parti A.

2. **Informazzjoni li għandha tiġi inkluża għal kull kampjun individwali**

Ir-rapporti għandhom jinkludu l-informazzjoni msemmija fil-punt 2.1 sa 2.6 għal kull iżolat individwali, b'kull kombinament ta' speċi batterika u popolazzjoni tal-annimali u kombinament ta' speċi batterika u ikel msemmija fil-punt 1 ta' Parti A jitqiesu separatament

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw ir-riżultati tal-monitoraġġ armonizzat tal-AMR stipulat f'din id-Deċiżjoni f'forma ta' dejta mhix analizzata ibbażata fuq l-iżolati bl-użu tad-dizzjunarju tad-dejta u formoli tal-ġbir elettroniku mogħtija mill-EFSA ([6]).

2.1. *Id-deskrizzjoni ġenerali tal-implimentazzjoni tal-monitoraġġ tal-AMR*

— Deskrizzjoni tad-disinji tat-teħid ta' kampjuni, l-istratifikazzjoni u l-proċeduri ta' aleatorizzazzjoni għal kull popolazzjoni ta' annimali u kategorija ta' ikel.

2.2. *Informazzjoni ġenerali*

— Identifikatur jew kodiċi tal-iżolat

— Speċi batterika

— Serotip (għas-*Salmonella* spp.)

— Il-fagotip tas-*Salmonella* Enteriditis u s-*Salmonella* Typhimurium (b'għażla)

2.3. *Informazzjoni speċifika fir-rigward tat-teħid ta' kampjuni*

— Il-popolazzjoni tal-annimali li jipproduċu l-ikel jew il-kategorija tal-ikel

— L-istadju tat-teħid tal-kampjuni

— Tip ta' kampjun

— Dak li jieħu l-kampjuni

— l-istrateġija tat-teħid tal-kampjuni

([5]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.
([6]) www.efsa.europa.eu

— Data tat-teħid ta' kampjun

— Data tat-teħid ta' kampjun

2.4. *Informazzjoni speċifika fir-rigward tat-teħid tal-kampjuni*

— Identifikatur jew kodiċi tal-iżolat mogħtija mil-laboratorju li jwettaq l-ittestjar għas-suxxettibilità antimikrobika tal-iżolat

— Data tal-ittestjar għas-suxxebbilità

— Sustanza antimikrobika

2.5. *Informazzjoni speċifika fir-rigward tat-teħid ta' kampjuni*

— Il-Konċentrazzjoni Minima Inibitorja (MIC) valur (f'mg/l)

2.6. *Ir-riżultati tal-ittestjar tas-sinerġija*

— L-ittestjar tas-sinerġija bl-aċidu clavulanic għall-ceftazidime

— L-ittestjar tas-sinerġija bl-aċidu clavulanic għall-cefotaxime

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Novembru 2013

fir-rigward ta' għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lejn pjan ta' kontroll koordinat għall-monitoraġġ tar-reżistenza antimikrobika fl-aġenti żoonotiċi fl-2014

(notifikata bid-dokument C(2013) 7289)

(2013/653/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 66 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([2]) (ir-Regolament Finanzjarju), u b'mod partikolari l-Artikolu 84(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistabbilixxi, fost oħrajn, il-proċeduri li jirregolaw l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni biex jitwettqu miżuri neċessarji biex tkun żgurata l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

(2) Id-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) tistipola li l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-monitoraġġ jipprovdi dejta komparabbli dwar l-okkorenza tar-reżistenza antimikrobika (AMR) fl-aġenti żoonotiċi u aġenti oħra safejn dawn ikunu jippreżentaw theddida għas-saħħa pubblika.

(3) L-Artikolu 7(3) ta' din id-Direttiva jistipola li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta'monitoraġġ tar-reżistenza antimikrobika.

(4) Diversi opinjonijiet xjentifiċi ppubblikati mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-rapporti ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) u l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), jappellaw għal monitoraġġ armonizzat ta' reżistenza antimikrobika (AMR) f'batterji żoonotiċi u li jikbru u jgħixu ma' organi oħra, preżenti fl-annimali jew fl-ikel. Il-Kummissjoni għalhekk stabbiliet regoli dettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtar armonizzat tal-AMR f'konformità mal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2003/99/KE li jridu jitwettqu mill-Istati Membri f'Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/652/UE ([4]).

(5) Dan il-monitoraġġ armonizzat għandu jsir skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 biex jiġi żgurat li l-kontrolli uffiċjali jitwettqu b'mod regolari, fuq bażi ta' riskju u bi frekwenza xierqa, sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dak ir-Regolament filwaqt li jitqiesu r-riskji identifikati assoċjati ma' annimali, għalf jew ikel, għalf jew negozji tal-ikel, l-użu ta' għalf jew ikel jew kwalunkwe proċess, materjal, sustanza, attività jew operazzjoni li jistgħu jinfluwenzaw is-sikurezza tal-għalf jew tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali.

(6) Sabiex tkun iffaċilitata l-applikazzjoni bla xkiel u malajr ta' dan il-monitoraġġ, l-Unjoni għandha tappoġġa finanzjarjament l-Istati Membri li jwettqu dan il-monitoraġġ fl-aktar livell xieraq, kif previst fl-Artikolu 66(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

(7) Skont l-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 94 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 ([5]), l-impenn ta' nfiq mill-baġit tal-Unjoni għandu jiġi ppreċedut minn deċiżjoni ta' finanzjament li tistabbilixxi l-elementi essenzjali tal-azzjoni li tinvolvi n-nefqa u adottata mill-istituzzjoni jew mill-awtoritajiet li lilhom ikunu ġew iddelegati s-setgħat mill-istituzzjoni.

(8) Il-miżuri eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni huma definiti fi ħdan id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni preżenti.

(9) Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għandha tingħata suġġett għall-kundizzjoni li t-testijiet u l-analiżi jkunu twettqu skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni preżenti u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/652/UE u li l-awtoritajiet kompetenti jfornu l-informazzjoni kollha neċessarja fi ħdan il-limiti taż-żmien stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni preżenti.

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

([2]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

([3]) Id-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 rigward il-monitoraġġ taż-żoonożi u tal-aġenti żoonotiċi (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31.) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 03 Vol. 41 p. 344).

([4]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/652/UE tat-12 ta' Novembru 2013 fir-rigward ta' għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lejn pjan ta' kontroll koordinat għall-monitoraġġ tar-reżistenza antimikrobika fl-aġenti żoonotiċi fl-2014

([5]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

(10) Għal raġunijiet ta' effiċjenza amministrattiva l-infiq kollu ppreżentat għal kontribut finanzjarju mill-Unjoni għandu jkun espress f'euro u għandha tiġi stabbilita r-rata tal-kambju għall-infiq f'munita għajr l-euro.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri li jirrelataw mal-applikazzjoni għall-monitoraġġ armonizzat tar-reżistenza antimikrobika skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/652/UE fuq kampjuni ta' tjur miġbura bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2014, b'ammont totali massimu ta' EUR 1 407 585 li għandhom jiġu ffinanzjati mil-linja 17 04 07 01.

Artikolu 2

Spejjeż eliġibbli

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni

(a) għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru biex jimplimenta l-monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta'Implimentazzjoni 2013/652/UE u mwettaq mill-awtorità kompetenti;

(b) ma għandhiex teċċedi dan li ġej:

(i) EUR 8 għall-ispejjeż tal-persunal għal kull teħid ta' kampjuni tal-musrana l-għamja;

(ii) EUR 11 għal kull iżolament u identifikazzjoni tal-*E. coli*;

(iii) EUR 21.5 għal kull iżolament u identifikazzjoni tal-*Campylobacter*;

(iv) EUR 15 għal kull ittestjar ta' suxxettibilità antimikrobika (AST) ta' kull iżolat tas-*Salmonella* jew tal-*E. coli*;

(v) EUR 15 għal kull AST ta' kull iżolat tal- *Campylobacter*;

(vi) EUR 17.5 għal kull karatterizzazzjoni u klassifikazzjoni ta' iżolati tas-*Salmonella* jew tal-*E. coli* li juru reżistenza għal ċefalosporini u meropenem tat-tielet ġenerazzjoni;

(vii) EUR 22 għal kull serotipizzazzjoni ta' *Salmonella*

(viii) l-ammonti massimi indikati fl-Anness I.

(c) Għandhom ikunu eliġibbli għall-kontribuzzjoni l-ispejjeż indikati fl-Anness II biss.

Artikolu 3

Regoli tal-eliġibbiltà

1. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni hi soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) li sal-31 ta' Mejju 2015, l-Istati Membri jkunu pprovdew lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel li ngħatat il-mandat għal dan il-kompitu mill-Kummissjoni Ewropea, b'rapport tekniku li jkopri mill-inqas l-informazzjoni mitluba fil-parti B tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/652/UE;

(b) li sal-31 ta' Mejju 2015, l-Istati Membri jkunu pprovdew lill-Kummissjoni, f'forma elettronika, b'rapport finanzjarju skont il-format stipulat fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni. Sabiex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, in-nefqa mġarrba trid tkun tħallset qabel ma t-talba tiġi ppreżentata. Id-dokumenti ta' sostenn li jixhdu l-infiq kollu li hemm referenza għalih fir-rapport finanzjarju għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni fuq ir-rikjesta tagħha biss.

2. Il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont tal-kontribuzzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Anness I f'każijiet fejn il-kundizzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jiġux issodisfati, b'konsiderazzjoni għan-natura u l-gravità tan-nuqqas ta' konformità u t-telf finanzjarju potenzjali għall-Unjoni.

Artikolu 4

Rata tal-kambju għan-nefqa

Għal raġunijiet ta' effiċjenza amminsitrattiva n-nefqa kollha ppreżentata għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għandha tiġi espressa f'euro. Meta n-nefqa ta' Stat Membru tkun f'munita għajr l-euro, l-Istat Membru kkonċernat għandu jaqlibha għall-euro billi japplika l-aktar rata ta' kambju riċenti stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-ewwel jum tax-xahar li fih l-applikazzjoni tiġi ppreżentata mill-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 84 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Tabella 1

L-Istati Membri	Numru ta'					
	Kampjuni tal-musrana l-għamja	Iżolament/Identifikazzjoni u AST		AST *Salmonella*	Serotipizzazzjoni *ta' Salmonella*	Karatterizzazzjoni u klassifikazzjoni ta' iżolati reżistenti
		Campylobacter	*E. coli*			
BE	850	170	170	550	550	150
BG	425	85	85	200	200	50
CZ	850	170	170	550	550	150
DK	850	170	170	250	250	100
DE	1 700	340	340	700	700	200
EE	425	85	85	100	100	50
IE	850	170	170	300	300	100
EL	850	170	170	450	450	100
ES	1 700	340	340	1 000	1 000	250
FR	1 700	340	340	800	800	250
HR	425	85	85	250	250	100
IT	1 700	340	340	800	800	250
CY	425	85	85	200	200	100
LV	425	85	85	100	100	50
LT	425	85	85	200	200	50
LU	425	85	85	100	100	50
HU	1 700	340	340	900	900	250
MT	425	85	85	100	100	50
NL	850	170	170	450	450	150
AT	1 700	340	340	550	550	200
PL	1 700	340	340	800	800	250
PT	1 700	340	340	500	500	200
RO	850	170	170	600	600	150
SI	425	85	85	200	200	50
SK	425	85	85	100	100	50
FI	850	170	170	50	50	50
SE	850	170	170	50	50	50
UK	1 700	340	340	800	800	250
Total	**27 200**	**5 440**	**5 440**	**11 650**	**11 650**	**3 700**

Tabella 2

L-Istati Membri	Rati massimi ta' rimborż (EUR)								
	Teħid ta' kampjuni tal-musrana l-għamja	Iżolament u identifikazzjoni tal-*E. coli*	Iżolament u identifikazzjoni tal-*Campylobacter*	*Salmonella* Serotipizzazzjoni	AST		Karatterizzazzjoni u klassifikazzjoni tal-iżolati reżistenti	Total	Spejjeż ġenerali inklużi (7 %)
					Salmonella + *E. coli*	*Campylobacter*			
BE	6 800	2 200	14 800	14 700	10 800	2 600	2 700	54 600	**58 422**
BG	500	2 200	8 600	5 700	4 000	1 300	900	23 200	**24 824**
CZ	1 600	1 300	9 100	7 200	8 800	1 200	1 900	31 100	**33 277**
DK	6 800	2 200	18 300	9 300	6 300	2 600	1 800	47 300	**50 611**
DE	13 600	4 400	36 600	22 900	14 100	4 400	3 500	99 500	**106 465**
EE	400	1 000	3 300	4 100	2 200	1 100	200	12 300	**13 161**
IE	5 900	1 200	11 400	8 700	5 000	1 400	1 200	34 800	**37 236**
EL	2 000	2 200	14 900	7 700	8 500	2 600	1 300	39 200	**41 944**
ES	5 200	1 800	14 600	29 500	20 100	5 100	4 400	80 700	**86 349**
FR	13 600	4 400	36 600	25 100	17 100	4 100	4 400	105 300	**112 671**
HR	2 000	2 200	500	6 500	5 100	1 300	1 200	18 800	**20 116**
IT	13 600	4 400	25 000	16 500	12 200	3 700	2 700	78 100	**83 567**
CY	1 400	2 200	9 200	6 300	3 800	1 000	1 300	25 200	**26 964**
LV	700	900	3 400	3 900	1 600	800	500	11 800	**12 626**
LT	400	2 000	4 900	2 900	3 200	600	600	14 600	**15 622**
LU	3 400	2 200	9 200	4 100	2 800	1 300	900	23 900	**25 573**
HU	3 600	2 500	29 600	25 000	13 100	4 000	2 900	80 700	**86 349**
MT	1 300	500	5 500	3 500	2 000	700	900	14 400	**15 408**
NL	6 800	1 300	12 500	7 100	7 900	2 600	2 700	40 900	**43 763**
AT	13 600	4 400	36 600	17 000	13 400	5 100	3 500	93 600	**100 152**
PL	6 200	2 200	17 800	17 700	7 700	3 600	1 900	57 100	**61 097**
PT	4 400	3 900	36 600	18 500	5 600	2 100	1 700	72 800	**77 896**
RO	6 800	1 500	9 000	17 000	11 600	2 600	2 700	51 200	**54 784**
SI	3 400	1 900	9 200	5 200	2 700	1 300	900	24 600	**26 322**
SK	1 600	2 000	9 200	3 300	2 800	1 300	900	21 100	**22 577**
FI	6 800	1 900	8 300	0	3 300	2 300	900	23 500	**25 145**
SE	6 800	1 300	10 700	4 900	3 000	2 400	600	29 700	**31 779**
UK	13 600	3 600	36 600	25 100	17 100	5 100	4 400	105 500	**112 885**
Total	**152 800**	**63 800**	**442 000**	**319 400**	**215 800**	**68 200**	**53 500**	**1 315 500**	**1 407 585**

ANNESS II

REGOLI TAL-ELIĠIBBILTÀ

1. **Spejjeż tal-laboratorju**

— L-ispejjeż tal-persunal għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż attribwibbli attwali għax-xogħol (il-pagi, il-piżijiet soċjali u l-ispejjeż tal-irtirar) akkumulati waqt l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/652/UE. Għal dan il-għan għandhom jinżammu l-iskedi tal-ħin.

— Ir-rimborż ta' oġġetti għall-konsum għandu jkun ibbażat fuq l-ispejjeż attwali mġarrba mill-Istati Membri biex iwettqu t-testijiet fil-laboratorju nnominat mill-awtorità kompetenti.

— Il-kits tat-testijiet, ir-reaġenti u l-oġġetti konsumabbli l-oħra kollha għandhom jiġu rimborżati biss jekk jintużaw speċifikament fit-twettiq tat-testijiet li ġejjin:

(i) Iżolament u identifikazzjoni ta' *E. coli*;

(ii) Iżolament u identifikazzjoni ta' *Campylobacter*;

(iii) AST ta' iżolati ta' *Salmonella* u ta' *E. coli*;

(iv) AST ta' iżolati ta' *Campylobacter*;

(v) Karatterizzazzjoni u klassifikazzjoni ta' iżolati ta' *Salmonella* u ta' *E. coli* li juru reżistenza għal ċefalosporini u meropenem tat-tielet ġenerazzjoni;

(vi) Serotipizzazzjoni ta' *Salmonella*.

2. **Spejjeż tat-teħid ta' kampjuni**

L-ispejjeż għat-teħid ta' kampjuni għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż tax-xogħol tal-persunal ta' xogħol fi ħdan il-biċċerija għax-xogħol attribwibbli attwali (il-pagi, il-piżijiet soċjali u l-ispejjeż tal-irtirar) akkumulati waqt l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/652/UE. Għal dan il-għan għandhom jinżammu l-iskedi tal-ħin.

3. **Spejjeż ġenerali**

Tista' tiġi ikklejmjata kontribuzzjoni b'rata fissa ta' 7 % ikkalkulata abbażi tal-ispejjeż diretti eliġibbli kollha.

4. In-nefqa ppreżentata mill-Istati Membri għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għandha tiġi espressa f'euro u għandha teskludi t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u t-taxxi kollha l-oħra.

ANNESS III

MUDELL GĦAL RAPPORTI FINANZJARJI MSEMMI FL-ARTIKOLU 3(1)(b)

Perjodu ta' rapportar: 2014

Stat Membru: ....

In-numru tar-referenza tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni: 2013/653/UE

Spejjeż tal-laboratorju (total tal-ispejjeż eliġibbli effettivi)

Iżolament u identifikazzjoni tal-*E. coli*			
Kategorija tal-istaff	Numru tas-sigħat tax-xogħol	Rata (EUR fis-siegħa)	Total (EUR)
…			
…			
Oġġetti għall-konsum (deskrizz-joni)	Kwantità	Spiża ta' unità (EUR)	Total (EUR)
…			
…			
		Total (EUR)	
Numru totali ta' testijiet:		**Spiża ta' unità għal kull analiżi (EUR)**	
Iżolament u identifikazzjoni tal-*Campylobacter*			
Kategorija tal-persunal	Numru tas-sigħat tax-xogħol	Rata (EUR fis-siegħa)	Total (EUR)
…			
…			
Oġġetti għall-konsum (deskrizz-joni)	Kwantità	Spiża ta' unità (EUR)	Total (EUR)
…			
…			
		Total (EUR)	
Numru totali ta' testijiet:		**Spiża ta' unità għal kull analiżi (EUR)**	
AST iżolati ta' *Salmonella u E. coli*			
Kategorija tal-persunal	Numru tas-sigħat tax-xogħol	Rata (EUR fis-siegħa)	Total (EUR)
…			
…			
Oġġetti għall-konsum (deskrizz-joni)	Kwantità	Spiża ta' unità (EUR)	Total (EUR)
…			

…			
		Total (EUR)	
Numru totali ta' testijiet:		**Spiża ta' unità għal kull analiżi (EUR)**	
AST iżolati ta' *Campylobacter*			
Kategorija tal-istaff	Numru tas-sigħat tax-xogħol	Rata (EUR fis-siegħa)	Total (EUR)
…			
…			
Oġġetti għall-konsum (deskrizz-joni)	Kwantità	Spiża ta' unità (EUR)	Total (EUR)
…			
…			
		Total (EUR)	
Numru totali ta' testijiet:		**Spiża ta' unità għal kull analiżi (EUR)**	
Karatterizzazzjoni u klassifikazzjoni ta' iżolati reżistenti			
Kategorija tal-persunal	Numru tas-sigħat tax-xogħol	Rata (EUR fis-siegħa)	Total (EUR)
…			
…			
Oġġetti għall-konsum (deskrizz-joni)	Kwantità	Spiża ta' unità (EUR)	Total (EUR)
…			
…			
		Total (EUR)	
Numru totali ta' testijiet:		**Spiża ta' unità għal kull analiżi (EUR)**	
Serotipizzazzjoni ta' *Salmonella*			
ategorija tal-persunal	Numru tas-sigħat tax-xogħol	Rata (EUR fis-siegħa)	Total (EUR)
…			
…			
Oġġetti għall-konsum (deskrizz-joni)	Kwantità	Spiża ta' unità (EUR)	Total (EUR)
…			
…			
		Total (EUR)	
Numru totali ta' testijiet:		**Spiża ta' unità għal kull analiżi (EUR)**	

Spejjeż tat-teħid ta' kampjuni (total tal-ispejjeż eliġibbli effettivi)

Kategorija tal-persunal	Numru tas-sigħat tax-xogħol	Rata (EUR fis-siegħa)	Total (EUR)
…			
…			
		Total (EUR)	
Nru totali ta' kampjuni:		**Spiża ta' unità għal kull kampjun (EUR)**	

Nefqa totali għal programm ta' kontroll koordinat (spejjeż reali, VAT eskluża) (EUR):	…

Dikjarazzjoni mill-benefiċjarju

Niċċertifikaw li:

— in-nefqa msemmija hawn fuq ġiet imġarrba fit-twettiq tax-xogħol deskritt fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/652/UE u hija direttament relatata mal-implimentazzjoni tal-pjan ta' kontroll koordinat li għalih ingħata appoġġ finanzjarju skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/653/UE;

— in-nefqa vera ġġarbet, tħallset sad-data tal-preżentazzjoni tat-talba attwali, ingħata rendikont preċiż għaliha u hija eliġibbli skont id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/653/UE;

— id-dokumenti ta' sostenn kollha li jsostnu dawn l-ispejjeż huma disponibbli għal skopijiet ta' awditjar;

— ma ntalbet l-ebda kontribuzzjoni oħra mill-Unjoni għal dan il-pjan ta' kontroll koordinat.

Data: ....

Persuna responsabbli: ....

Firma: ....

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Novembru 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2008/294/KE biex jiġu inklużi teknoloġiji tal-aċċess u baned tal-frekwenza addizzjonali għas-servizzi tal-komunikazzjoni mobbli fuq l-inġenji tal-ajru (servizzi MCA)

(notifikata bid-dokument C(2013) 7491)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/654/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-Radju) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/294/KE [2] fl-Anness tagħha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tekniċi u operattivi meħtieġa biex ikun jista' jintuża l-GSM abbord l-inġenji tal-ajru.

(2) L-iżvilupp ta' mezzi aħjar tal-komunikazzjoni appoġġat mill-progress tekniku se jtejjeb il-kapaċità għal kull ċittadin biex ikun konness dejjem u kullimkien. Dan jgħin ukoll biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa [3] u tal-istrateġija Ewropa 2020.

(3) Sabiex tħejji għall-użu tal-aħħar teknoloġiji u frekwenzi disponibbli għall-provdiment ta' servizzi MCA, fil-5 ta' Ottubru 2011 il-Kummissjoni tat mandat lill-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni ("is-CEPT") skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE biex tivvaluta l-kompatibbiltà teknika bejn it-tħaddim tas-sistemi UMTS fl-arju u teknoloġiji oħra possibbli fl-ajru bħal-LTE u l-WiMAX f'baned tal-frekwenzi bħall-baned 2 GHz u 2,6 GHz, u servizzi tar-radju potenzjalment affettwati.

(4) Skont il-mandat tagħha, is-CEPT ipprovdiet ir-rapport tagħha fit-8 ta' Marzu 2013. Ir-rapport 48 tas-CEPT ikkonkluda li soġġetti għall-kundizzjonijiet tekniċi rilevanti, jista' jkun possibbli li jiddaħħlu teknoloġiji UMTS u LTE fil-baned 2 100 MHz u 1 800 MHz, rispettivament. Għalhekk, l-Anness tad-Deċiżjoni 2008/294/KE għandu jiġi emendat skont ir-riżultati tar-Rapport 48 tas-CEPT, biex ikun jinkludi dawn it-teknoloġiji u jkunu jistgħu jintużaw abbord l-inġenji tal-ajru.

(5) Billi fl-Unjoni t-teknoloġiji LTE u UMTS qed jintużaw dejjem aktar, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-aktar fis possibbli.

(6) Is-servizzi tar-radju eżistenti potenzjalment affettwati għandhom jingħataw protezzjoni xierqa billi tiġi limitata l-qawwa tat-trażmissjoni tas-servizzi MCA. Madankollu, billi l-użu tal-unità ta' kontroll tan-netwerk (NCU) aġġornata għall-banda 2,6 GHz se tieħu fit-tul sakemm jiġu miftiehma r-restrizzjonijiet tekniċi bejn l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni ajrunawtika kompetenti sabiex tkun tista' tinbeda l-produzzjoni tal-NCUs u sakemm titlesta ċertifikazzjoni tal-ajrunavigabbiltà għal kull tip ta' inġenju tal-ajru, l-applikazzjoni tal-parametri tal-NCU għall-banda 2,6 GHz jistgħu jiġu posposti sal-1 ta' Jannar 2017.

(7) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-MCA għandhom jimxu id f'id mal-progress teknoloġiku.

(8) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2008/294/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Ispettru tar-Radju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2008/294/KE jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Iċ-ċifri tal-banda 2 570–2 690 MHz stabbiliti fit-Tabella 3 tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2017.

[1] ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1.
[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/294/KE tas-7 ta' April 2008 dwar il-kundizzjonijiet armonizzati għall-użu tal-ispettru għat-tħaddim tas-servizzi ta' komunikazzjoni mobbli fuq l-inġenji tal-ajru (servizzi MCA) fl-Unjoni (ĠU L 98, 10.4.2008, p. 19).
[3] COM(2010) 245 final.

Artikolu 3

Kemm jista' jkun kmieni u mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-baned tal-frekwenza, elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness disponibbli għas-servizzi MCA fuq bażi bla interferenza u bla protezzjoni, diment li dawn is-servizzi jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-għoli minimu 'l fuq mill-art għal kull trażmissjoni minn sistema MCA li tkun qed titħaddem skont it-taqsima 3 tal-Anness.

L-Istati Membri jistgħu jimponu għoli minimu ogħla tat-tħaddim tal-MCA, meta dan ikunu jiġġustifikawh il-kundizzjonijiet nazzjonali topografiċi u tal-użu tan-netwerk fl-art. Din l-informazzjoni, sostnuta minn ġustifikazzjoni xierqa, għandha tkun notifikata lill-Kummissjoni fi żmien erba' xhur mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Neelie KROES

Viċi President

ANNESS

1. IL-BANED TAL-FREKWENZA U S-SISTEMI PERMESSI GĦAS-SERVIZZI MCA

Tabella 1

Tip	Frekwenza	Sistema
GSM 1 800	1 710–1 785 MHz (konnessjoni axxendenti) 1 805–1 880 MHz (konnessjoni dixxendenti)	GSM konformi mal-Istandards tal-GSM kif ippubblikati mill-ETSI, b'mod partikolari EN 301 502, EN 301 511 u EN 302 480, jew speċifikazzjonijiet ekwivalenti.
UMTS 2 100 (FDD)	1 920–1 980 MHz (konnessjoni axxendenti) 2 110–2 170 MHz (konnessjoni dixxendenti)	UMTS konformi mal-Istandards tal-UMTS kif ippubblikati mill-ETSI, b'mod partikolari EN 301 908-1 EN 301 908-2, EN 301 908-3 u EN 301 908-11, jew speċifikazzjonijiet ekwivalenti.
LTE 1 800 (FDD)	1 710–1 785 MHz (konnessjoni axxendenti) 1 805–1 880 MHz (konnessjoni dixxendenti)	LTE konformi mal-Istandards tal-LTE, kif ippubblikati mill-ETSI, b'mod partikolari EN 301 908-1, EN 301 908-13, EN 301 908-14, u EN 301 908-15, jew speċifikazzjonijiet ekwivalenti.

2. IL-PREVENZJONI TAL-KONNESSJONI TA' TERMINALI MOBBLI MA' NETWERKS FL-ART

Waqt il-perjodu meta jkun awtorizzat it-tħaddim tas-servizzi MCA fuq inġenji tal-ajru, it-terminali mobbli li jirċievu fil-baned tal-frekwenza elenkati fit-Tabella 2 ma għandhomx jitħallew jippruvaw jirreġistraw ma' netwerks mobbli fl-art.

Tabella 2

Banda tal-frekwenza (MHz)	Sistemi fl-art
460–470	CDMA2000, FLASH OFDM
791–821	LTE
921–960	GSM, UMTS, LTE, WiMAX
1 805–1 880	GSM, UMTS, LTE, WiMAX
2 110–2 170	UMTS, LTE
2 570–2 620	UMTS, LTE, WiMAX
2 620–2 690	UMTS, LTE

3. IL-PARAMETRI TEKNIĊI

(a) **Il-qawwa radjata isotropika ekwivalenti (e.i.r.p), fuq barra tal-inġenju tal-ajru, mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru**

Tabella 3

L-e.i.r.p. totali, fuq barra tal-inġenju tal-ajru, mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru/Node B tal-inġenju tal-ajru, ma għandhiex taqbeż:

L-għoli 'l fuq mill-art (m)	Id-densità e.i.r.p massima prodotta mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru/Node B tal-inġenju tal-ajru, fuq barra tal-inġenji tal-ajru					
	460–470 MHz	791–821 MHz	921–960 MHz	1 805–1 880 MHz	2 110–2 170 MHz	2 570–2 690 MHz
	dBm/1,25 MHz	dBm/10 MHz	dBm/200 kHz	dBm/200 kHz	dBm/3,84 MHz	dBm/4,75 MHz
3 000	– 17,0	– 0,87	– 19,0	– 13,0	1,0	1,9
4 000	– 14,5	1,63	– 16,5	– 10,5	3,5	4,4

L-għoli 'l fuq mill-art (m)	Id-densità e.i.r.p massima prodotta mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru/Node B tal-inġenju tal-ajru, fuq barra tal-inġenji tal-ajru					
	460–470 MHz	791–821 MHz	921–960 MHz	1 805–1 880 MHz	2 110–2 170 MHz	2 570–2 690 MHz
	dBm/1,25 MHz	dBm/10 MHz	dBm/200 kHz	dBm/200 kHz	dBm/3,84 MHz	dBm/4,75 MHz
5 000	– 12,6	3,57	– 14,5	– 8,5	5,4	6,3
6 000	– 11,0	5,15	– 12,9	– 6,9	7,0	7,9
7 000	– 9,6	6,49	– 11,6	– 5,6	8,3	9,3
8 000	– 8,5	7,65	– 10,5	– 4,4	9,5	10,4

(b) **Il-qawwa radjata isotropika ekwivalenti (e.i.r.p), fuq barra tal-inġenju tal-ajru, mit-terminal abbord**

Tabella 4

L-e.i.r.p. totali, fuq barra tal-inġenju tal-ajru, mit-terminal mobbli ma għandhiex taqbeż:

L-għoli 'l fuq mill-art (m)	L-e.i.r.p. massima, fuq barra tal-inġenju tal-ajru, mit-terminal mobbli GSM f'dBM/200 kHz	L-e.i.r.p. massima, fuq barra tal-inġenju tal-ajru, mit-terminal mobbli LTE f'dBM/5 MHz	L-e.i.r.p. massima, fuq barra tal-inġenju tal-ajru, mit-terminal mobbli UMTS f'dBM/3,84 MHz
	GSM 1 800 MHz	LTE 1 800 MHz	UMTS 2 100 MHz
3 000	– 3,3	1,7	3,1
4 000	– 1,1	3,9	5,6
5 000	0,5	5	7
6 000	1,8	5	7
7 000	2,9	5	7
8 000	3,8	5	7

(c) **Il-kundizzjonijiet operattivi**

I. L-għoli minimu 'l fuq mill-art għal kull trażmissjoni minn sistema MCA imħaddma għandu jkun 3 000 metru.

II. Waqt it-tħaddim, il-BTS tal-inġenju tal-ajru għandu jillimita l-qawwa tat-trażmissjoni ta' kull terminal mobbli *GSM* li jittrażmetti fil-banda 1 800 MHz għal valur nominali ta' 0 dBm/200 kHz f'kull stadju tal-komunikazzjoni, inkluż l-aċċess tal-bidu.

III. Waqt it-tħaddim, in-Node B tal-inġenju tal-ajru għandu jillimita l-qawwa tat-trażmissjoni ta' kull terminal mobbli *LTE* li jittrażmetti fil-banda 1 800 MHz għal valur nominali ta' 5 dBm/5 MHz f'kull stadju tal-komunikazzjoni.

IV. Waqt it-tħaddim, in-Node B tal-inġenju tal-ajru għandu jillimita l-qawwa tat-trażmissjoni ta' kull terminal mobbli *UMTS* li jittrażmetti fil-banda 2 100 MHz għal valur nominali ta' – 6 dBm/3,84 MHz f'kull stadju tal-komunikazzjoni u l-ammont massimu ta' utenti ma għandux jaqbeż l-għoxrin.

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Novembru 2013

li taġġusta kull xahar bejn l-1 ta' Awwissu 2012 u l-1 ta' Ġunju 2013 il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għar-remunerazzjoniji tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti b'kuntratt tal-Unjoni Ewropea li jaħdmu f'pajjiżi terzi

(2013/655/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, kif stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259259/68 [1], u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 13, tal-Anness X tiegħu,

Billi:

(1) L-istatistiċi disponibbli għall-Kummissjoni juru li għal ċerti pajjiżi terzi l-varjazzjoni fl-għoli tal-ħajja mkejla fuq il-bażi ta' koeffiċjent ta' korrezzjoni u r-rata tal-kambju korrispondenti qabżet il-5 % minn mindu koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikabbli għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea li jaħdmu f'pajjiżi terzi mħallsa fil-munita tal-pajjiż ta' impjieg tagħhom ġew stabbiliti l-aħħar;

(2) Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal f'dan il-każ dawk il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni jeħtieġ li jiġu aġġustati kull xahar, b'effett mill-1 ta' Awwissu, l-1 ta' Ottubru, l-1 ta' Novembru, l-1 ta' Diċembru 2012 u l-1 ta' Jannar, l-1 ta' Frar, l-1 ta' Marzu, l-1 ta' April, l-1 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2013, rispettivament,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikabbli għar-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea li jaqdu dmirijiethom fil-pajjiżi terzi, u li huma mħallsin fil-munita tal-pajjiż fejn ikunu qed jaħdmu, huma adattati għal ċerti pajjiżi indikati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni. Dan l-Anness fih għaxar tabelli mensili li juru liema pajjiżi huma kkonċernati u liema huma d-dati effettivi applikabbli għal kull wieħed minnhom.

Ir-rati tal-kambju użati għall-kalkolu ta' dawn ir-remunerazzjonijiet huma stabbiliti f'konformità mar-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju [2] u jikkorrispondu għad-dati rilevanti indikati fit-tabelli mill-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

[2] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

ANNESS

Awwissu 2012

POST TAL-IMPJIEG	Paritajiet ekonomiċi Awwissu 2012	Rata tal-kambju Awwissu 2012 (*)	Koeffiċjent ta' korrezzjoni Awwissu 2012 (**)
Is-Sudan (Khartoum)	4,584	6,20915	73,8

(*) EUR 1 = x unitajiet ta' munita domestika, minbarra l-USD għal: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.
(**) Brussell = 100.

Ottubru 2012

POST TAL-IMPJIEG	Paritajiet ekonomiċi Ottubru 2012	Rati tal-kambju Ottubru 2012 (*)	Koeffiċjent ta' korrezzjoni Ottubru 2012 (**)
In-Nepal	84,89	110,170	77,1

(*) EUR 1 = x unitajiet ta' munita domestika, minbarra l-USD għal: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.
(**) Brussell = 100.

Novembru 2012

POST TAL-IMPJIEG	Paritajiet ekonomiċi Novembru 2012	Rati tal-kambju Novembru 2012 (*)	Koeffiċjent ta' korrezzjoni Novembru 2012 (**)
Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (Kinshasa)	USD 2,057	USD 1,29620	158,7
Il-Liberja	USD 1,528	USD 1,29620	117,9
Il-Malawi	216,6	404,926	53,5

(*) EUR 1 = x unitajiet ta' munita domestika, minbarra l-USD għal: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.
(**) Brussell = 100.

Diċembru 2012

POST TAL-IMPJIEG	Paritajiet ekonomiċi Diċembru 2012	Rata tal-kambju Diċembru 2012 (*)	Koeffiċjent ta' korrezzjoni Diċembru 2012 (**)
Il-Venezwela	6,090	5,58047	109,1

(*) EUR 1 = x unitajiet ta' munita domestika, minbarra l-USD għal: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.
(**) Brussell = 100.

Jannar 2013

POST TAL-IMPJIEG	Paritajiet ekonomiċi Jannar 2013	Rata tal-kambju Jannar 2013 (*)	Koeffiċjent ta' korrezzjoni Jannar 2013 (**)
Il-Belarus	6 723	11 320,0	59,4
Il-Ginea (Conakry)	6 716	9 250,40	72,6
Is-Sudan (Khartoum)	4,916	7,56599	65,0

(*) EUR 1 = x unitajiet ta' munita domestika, minbarra l-USD għal: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.
(**) Brussell = 100.

Frar 2013

POST TAL-IMPJIEG	Paritajiet ekonomiċi Frar 2013	Rata tal-kambju Frar 2013 (*)	Koeffiċjent ta' korrezzjoni Frar 2013 (**)
Il-Kongo (Brazzaville)	792,1	655,957	120,8
Kuba	0,9438	1,35410	69,7
Il-Ġordan	0,9175	0,960057	95,6
Is-Serbja (Belgrad)	82,53	111,934	73,7
Timor-Leste	1,583	1,35410	116,9
L-Użbekistan	1 396	2 706,60	51,6
Il-Venezwela	6,429	5,81539	110,6
Iż-Żambja	6,630	7,18680	92,3

(*) EUR 1 = x unitajiet ta' munita domestika, minbarra l-USD ghal: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.
(**) Brussell = 100.

Marzu 2013

POST TAL-IMPJIEG	Paritajiet ekonomiċi Marzu 2013	Rata tal-kambju Marzu 2013 (*)	Koeffiċjent ta' korrezzjoni Marzu 2013 (**)
L-Angola	168,2	126,516	132,9
Il-Kosovo (Pristina)	0,7227	1,00000	72,3
Il-Kirgiżistan	48,69	62,3897	78,0
Il-Malawi	238,5	479,834	49,7
Ir-Russja	46,33	40,0240	115,8
Sjerra Leone	6 785	5 663,73	119,8
L-Afrika t'Isfel	6,746	11,6220	58,0
Is-Sudan (Khartoum)	5,331	7,43654	71,7

(*) EUR 1 = x unitajiet ta' munita domestika, minbarra l-USD ghal: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.
(**) Brussell = 100.

April 2013

POST TAL-IMPJIEG	Paritajiet ekonomiċi April 2013	Rata tal-kambju April 2013 (*)	Koeffiċjent ta' korrezzjoni April 2013 (**)
Iċ-Ċina	7,903	7,96000	99,3
Ġibuti	222,3	227,572	97,7
Il-Gana	2,025	2,48950	81,3
Il-Ġappun	149,8	120,870	123,9
Il-Korea t'Isfel	1 534	1 425,03	107,6
L-Użbekistan	1 467	2 611,71	56,2

(*) EUR 1 = x unitajiet ta' munita domestika, minbarra l-USD ghal: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.
(**) Brussell = 100.

Mejju 2013

POST TAL-IMPJIEG	Paritajiet ekonomiċi Mejju 2013	Rata tal-kambju Mejju 2013 (*)	Koeffiċjent ta' korrezzjoni Mejju 2013 (**)
Il-Belarus	7 086	11 230,0	63,1
Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana	671,7	655,957	102,4
L-Indja	49,37	71,0370	69,5
It-Tuneżija	1,381	2,09250	66,0
Il-Venezwela	6,839	8,25083	82,9

(*) EUR 1 = x unitajiet ta' munita domestika, minbarra l-USD għal: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.
(**) Brussell = 100.

Ġunju 2013

POST TAL-IMPJIEG	Paritajiet ekonomiċi Ġunju 2013	Rata tal-kambju Ġunju 2013 (*)	Koeffiċjent ta' korrezzjoni Ġunju 2013 (**)
L-Awstralja	1,439	1,34930	106,6
Il-Beliż	1,859	2,61469	71,1
Il-Gambja	31,18	47,5800	65,5
In-Nikaragwa	18,39	31,8519	57,7
It-Turkija	2,242	2,42740	92,4
L-Użbekistan	1 545	2 694,41	57,3
Il-Vanwatu	145,8	122,435	119,1
Il-Venezwela	7,195	8,14449	88,3

(*) EUR 1 = x unitajiet ta' munita domestika, minbarra l-USD għal: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.
(**) Brussell = 100.

III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

Nru 311/13/COL

tas-17 ta' Lulju 2013

li temenda l-lista miġbura fil-punt 39 tal-Parti 1.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li jelenka l-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera fl-Islanda u fin-Norveġja miftiehma għal verifiki veterinarji fuq annimali ħajjin u prodotti tal-annimali minn pajjiżi terzi u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 131/13/COL ([1])

L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA,

Wara li kkunsidrat il-punti4 (B)(1) u (3) u l-punt 5(b) tal-Parti Preliminari tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim taż-ŻEE,

Wara li kkunsidrat l-Att imsemmi fil-punt 4 tal-Parti 1.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim taż-ŻEE (id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi) ([2]), kif emendat u adattat għall-Ftehim taż-ŻEE mill-adattamenti settorjali msemmija fl-Anness I ta' dak il-Ftehim, u b'mod partikulari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ Nru 295/13/COL li tagħti s-setgħa lill-Membru kompetenti tal-Kulleġġ biex jadotta din id-deċiżjoni,

Billi:

B'ittra bid-data tas-6 ta' Ġunju 2013, l-Awtorità Norveġiża għas-Sikurezza tal-Ikel (minn issa 'l quddiem ANSI) infurmat lill-Awtorità li saru tibdiliet fil-lista Norveġiża tal-Postijiet ta' Spezzjoni fil-Fruntiera (PSF). Dawn it-tibdiliet isegwu ċerti rakkomandazzjonijiet li saru mill-Awtorità matul spezzjoni dwar il-kontrolli fuq l-importazzjoni mwettqa mill-Awtorità lin-Norveġja mill-21 sat-30 ta' Jannar 2013 u, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jkollha tagħmir u faċilitajiet xierqa biex jittrattaw prodotti li għalihom ġew approvati l-PSF ([3]).

Bi tweġieba għal din ir-rakkomandazzjoni u biex iġġib is-sistema ta' kontroll tagħha tal-importazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti taż-ŻEE, l-ANSI ddeċidiet li timmodifika l-elenkar tal-kategoriji li għalihom ġew approvati l-PSF li ġejjin:

— L-Ajruport ta' OSLO (kodiċi TRACES NO OSL4)

— Il-Port ta' OSLO (kodiċi TRACES NO OSL 1)

— Il-Port ta' BORG (kodiċi TRACES NO BRG1)

L-ANSI talbet lill-Awtorità biex tibdel il-lista tal-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera li ġejjin.

Borg	NO BRG 1	P		HC(2), NHC(2)	E(7)
Oslo	NO OSL 1	P		HC(2), NHC(2)	
Oslo	NO OSL 4	A		HC(2), NHC(2)	U,E,O

Huwa għalhekk l-obbligu tal-Awtorità li temenda l-lista tal-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera fl-Islanda u fin-Norveġja u biex tippubblika lista ġdida biex tirrifletti t-tibdiliet fil-listi nazzjonali.

L-Awtorità, bid-deċiżjoni tagħha 295/13/COL, tal-10 ta' Lulju 2013 irreferiet il-kwistjoni lill-Kumitat Veterinarju tal-EFTA li jassisti lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Il-Kumitat approva unanimament il-modifika proposta tal-lista. B'konsegwenza ta' dan, il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni unanima tal-Kumitat Veterinarju tal-EFTA li jassisti lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u t-test finali tal-miżuri baqa' mhux mibdul.

([1]) ĠU L 175, 27.6.2013, p. 76 u s-Suppliment ŻEE Nru 36, 27.6.2013, p. 1.
([2]) ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.
([3]) Ara r-rapport finali tat-3 ta' Mejju 2013 mill-Awtorità dwar il-missjoni għan-Norveġja mill-21 sat-30 ta' Jannar 2013 dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni taż-ŻEE relatata mas-sistemi ta' kontroll ta' importazzjoni/transitu u tal-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kategoriji tal-prodotti li għalihom il-PSF tal-Ajruport ta' Oslo, tal-Port ta' Oslo u tal-Port ta' Borg ġew approvati huma modifikati fil-lista li tinsab fil-punt 39 tal-Parti 1.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. Il-PSF issa huma approvati għal prodotti ppakkjati biss.

Artikolu 2

Il-verifiki veterinarji fuq l-annimali ħajjin u fuq il-prodotti tal-animali li jiddaħħlu fl-Islanda u fin-Norveġja minn pajjiżi terzi jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fil-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera li dwarhom hemm ftehim u li huma elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 131/13/COL tal-18 ta' Marzu 2013 qed tiġi revokata.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Islanda u lin-Norveġja.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija awtentika bl-Ingliż.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2013.

Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA

Sverrir Haukur GUNNLAUGSSON
Membru tal-Kulleġġ

Xavier LEWIS
Direttur

ANNESS

LISTA TAL-POSTIJIET TA' SPEZZJONI FIL-FRUNTIERA MIFTIEHMA

Pajjiż: **L-Islanda**

1	2	3	4	5	6
Akureyri	IS AKU1	P		HC-T(1)(2)(3), NHC(16)	
Hafnarfjörður	IS HAF 1	P		HC(1)(2)(3), NHC-NT(2)(6)(16)	
Húsavík	IS HUS 1	P		HC-T(FR)(1)(2)(3)	
Ísafjörður	IS ISA1	P		HC-T(FR)(1)(2)(3)	
L-Ajruport ta' Keflavík	IS KEF 4	A		HC(2), NHC(2)	O(15)
Reykjavík Eimskip	IS REY 1a	P		HC(2), NHC(2)	
Reykjavík Samskip	IS REY 1b	P		HC-T(FR)(1)(2)(3), HC-NT(1)(2)(3), NHC-NT(2)(6)(16)	
Þorlákshöfn	IS THH1	P		HC-T(FR)(1)(2)(3), HC-NT(6), NHC-NT(6)	

Pajjiż: **In-Norvegja**

1	2	3	4	5	6
Borg	NO BRG 1	P		HC(2), NHC (2)	E(7)
Båtsfjord	NO BJF 1	P		HC-T(FR)(1)(2)(3), HC-NT(1)(2)(3)	
Egersund	NO EGE 1	P		HC-NT(6), NHC-NT(6)(16)	
Hammerfest	NO HFT 1	P	Rypefjord	HC-T(FR)(1)(2)(3), HC-NT(1)(2)(3)	
Honningsvåg	NO HVG 1	P	Honningsvåg	HC-T(FR)(1)(2)(3)	
Kirkenes	NO KKN 1	P		HC-T(FR)(1)(2)(3), HC-NT(1)(2)(3)	
Kristiansund	NO KSU 1	P	Kristiansund	HC-T(FR)(1)(2)(3), NHC-T(FR)(2)(3) HC-NT(6), NHC-NT(6)	
Larvik	NO LAR 1	P		HC(2)	
Måløy	NO MAY 1	P	Gotteberg	HC-T(FR)(1)(2)(3), NHC-T(FR)(2)(3)	
Oslo	NO OSL 1	P		HC(2), NHC(2)	
Oslo	NO OSL 4	A		HC(2), NHC(2)	U,E,O
Sortland	NO SLX 1	P	Sortland	HC-T(FR)(1)(2)(3)	
Storskog	NO STS 3	R		HC, NHC,	U,E,O
Tromsø	NO TOS 1	P	Bukta	HC-T(FR)(1)(2)(3)	
			Solstrand	HC-T(FR)(1)(2)(3)	

1	2	3	4	5	6
Ålesund	NO AES 1	P	Breivika	HC-T(FR)(1)(2)(3), NHC-T(FR)(2)(3)	
			Skutvik	HC-T(1)(2)(3), HC-NT(6), NHC-T(FR) (2)(3), NHC-NT(6)	

1 = **Isem**
2 = **Kodiċi TRACES**
3 = **It-tip**
A = Ajruport
F = Linja ferrovjarja
P = Port
R = Triq
4 = **Ċentru ta' spezzjoni**
5 = **Prodotti**
HC = Il-Prodotti kollha għall-Konsum mill-Bniedem
NHC = Prodotti Oħrajn
NT = L-ebda rekwiżiti ta' temperatura
T = Prodotti ffriżati/imkessħa
T(FR) = Prodotti ffriżati
T(CH) = Prodotti mkessħa
6 = **Annimali ħajjin**
U = Bhejjem tal-ifrat: baqar, ħnieżer, nagħaġ, mogħoż, solipedi slavaġġ u domestiċi.
E = Żwiemel irreġistrati kif iddefiniti fid-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE
O = Annimali oħra
5-6 = **Kummenti speċjali**
(1) = Verifika skont ir-rekwiżiti tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/352/KEE kkunsidrata fl-eżekuzzjoni tal-Artikolu 19(3) tad-Direttiva Id-Direttiva 97/78/KE
(2) = Prodotti ppakkjati biss
(3) = Prodotti tas-sajd biss
(4) = Proteini tal-annimali biss
(5) = Ġlud tas-suf u ġlud biss
(6) = Xaħmijiet likwidi, żjut, u żjut tal-ħut biss
(7) = Ponijiet tal-Islanda (minn April sa Ottubru biss)
(8) = Żwiemel biss
(9) = Ħut tropikali biss
(10) = Qtates, klieb, rodenti, lagomorfi, ħut ħaj, rettili u għasafar oħra li mhumiex għasafar li ma jtirux biss
(11) = Għalf bl-ingrossa biss
(12) = Għall-(U) fil-każ ta' solipedi, dawk biss ikkonsenjati lil żoo; kif ukoll għall-(O), flieles ta' ġurnata, ħut, klieb, qtates, insetti, jew annimali oħra li jinżammu f'ġonna żooloġiċi biss
(13) = Nagilaka (Nagylak), HU: Dan huwa post ta' spezzjoni fil-fruntiera (għall-prodotti) u punt ta' qsim (għall-annimali ħajjin) fil-fruntiera bejn l-Ungerija u r-Rumanija, soġġett għall-miżuri tranżitorji li ġew innegozjati u stipulati fit-Trattat tal-Adeżjoni kemm fir-rigward tal-prodotti kif ukoll fir-rigward tal-annimali ħajjin. Ara: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/630/KE.
(14) = Magħżul għat-tranżitu madwar il-Komunità Ewropea għal kunsinni ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum mill-bniedem li jmorru lejn jew jiġu mir-Russja skont il-proċeduri speċifiċi previsti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti
(15) = Annimali tal-akwakultura biss
(16) = Ħut imqadded mitħun biss

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 311/13/COL tas-17 ta' Lulju 2013 li temenda l-lista miġbura fil-punt 39 tal-Parti 1.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li jelenka l-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera fl-Islanda u fin-Norveġja miftiehma għal verifiki veterinarji fuq annimali ħajjin u prodotti tal-annimali minn pajjiżi terzi u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 131/13/COL** 56

MT

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT